Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,291, 30 ta' Lulju, 2024
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXII tal-2024

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jipprovdi għat-twaqqif ta' qafas għar-regolamentazzjoni tax-xerrejja ta' kreditu, kif ukoll ta' persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu li jaġixxu f'isem tali xerrejja ta' kreditu, tad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew ta' kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, maħruġ minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fl-Unjoni Ewropea; u sabiex jemenda l-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni u l-Att dwar Servizzi ta' Investiment.

ACT No. XXXII of 2024

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the establishment of a framework for the regulation of credit purchasers, as well as credit servicers acting on behalf of such credit purchasers, of a creditor's rights under a non-performing credit agreement, or of the non-performing credit agreement itself, issued by a credit institution established in the European Union; and to amend the Insurance Business Act and the Investment Services Act.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

30 ta' Lulju, 2024

ATT Nru XXXII tal-2024

ATT sabiex jipprovdi għat-twaqqif ta' qafas għar-regolamentazzjoni tax-xerrejja ta' kreditu, kif ukoll ta' persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu li jaġixxu f'isem tali xerrejja ta' kreditu, tad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew ta' kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, maħruġ minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fl-Unjoni Ewropea; u sabiex jemenda l-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni u l-Att dwar Servizzi ta' Investiment.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u għan.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2024 dwar Persuni li jipprovdu Servizzi ta' Kreditu u dwar Xerrejja ta' Kreditu.

(2) L-għan prinċipali ta' dan l-Att huwa li jittrasponi d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva (UE) 2021/2167 tal-Parlament Ewopew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2021 dwar is-servizzjanti tal-kreditu u x-xerrejja tal-kreditu u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE (Direttiva NPL), u għandu jiġi interpretat u applikat skont l-imsemmija Direttiva.

Tifsir.

2. (1) F'dan l-Att, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"applikant" tfisser persuna ġuridika stabbilita f'Malta li tapplika mal-awtorità kompetenti sabiex taġixxi bħala persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu skont l-artikolu 7;

"attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu" tfisser waħda (1) jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin:

(a) il-ġbir jew l-irkupru mingħand il-mutwatarju, f'konformità mal-liġi nazzjonali, ta' kwalunkwe pagament dovut relatat mad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu jew tal-kuntratt ta' kreditu nnifsu;

(b) in-negozjar mill-ġdid mal-mutwatarju, f'konformità mal-liġi nazzjonali, ta' kwalunkwe termini u kondizzjonijiet relatati mad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu, jew tal-kuntratt ta' kreditu nnifsu, f'konformità mal-istruzzjonijiet mogħtija mix-xerrej ta' kreditu, fejn il-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu ma tkunx intermedjarju ta' kreditu kif definit fl-Artikolu 3(f) tad-Direttiva 2008/48/KE jew fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2014/17/UE;

(ċ) l-amministrazzjoni ta' kwalunkwe lmenti relatati mad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu jew tal-kuntratt ta' kreditu nnifsu; u, jew

(d) l-infurmar lill-mutwatarju bi kwalunkwe bidla fir-rati tal-imgħax, fl-imposti jew fi kwalunkwe pagament dovut relatati mad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu jew tal-kuntratt ta' kreditu nnifsu;

"awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta stabbilita permezz tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;

Kap. 330.

"awtorità regolatorja Ewropea" tfisser korp jew korpi maħtura minn Stat Membru għajr Malta skont l-Artikolu 21(3) tad-Direttiva NPL sabiex iwettqu l-funzjonijiet u d-dmirijiet stipulati fl-istess Direttiva;

"CRD" tfisser id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE,

kif tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kwalunkwe strument legali vinkolanti, linji gwida u miżuri oħra li nħarġu jew li jistgħu jinħarġu taħtha;

"CRR" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, kif emendat minn żmien għal żmien, u tinkludi kwalunkwe strument legali vinkolanti, linji gwida u miżuri oħra li nħarġu jew li jistgħu jinħarġu taħtu;

"detentur ta' liċenzja" tfisser persuna li għandha liċenzja;

"Direttiva 98/5/KE" tfisser id-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 sabiex tiġi iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni, kif tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kwalunkwe strument legali vinkolanti, linji gwida u miżuri oħra li jkunu nħarġu, jew li jistgħu jinħarġu taħthom;

"Direttiva 2008/48/KE" tfisser id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE, kif tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kwalunkwe strument legali vinkolanti, linji gwida u miżuri oħra li nħarġu, jew li jistgħu jinħarġu taħthom;

"Direttiva 2009/65/KE" tfisser id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), kif tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kwalunkwe strument legali vinkolanti, linji gwida u miżuri oħra li nħarġu, jew li jistgħu jinħarġu taħthom;

"Direttiva 2011/61/UE" tfisser id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010, kif tiġi tista' emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kwalunkwe strumenti legali vinkolanti, linji gwida u miżuri oħra li nħarġu, jew li jistgħu jinħarġu taħthom;

"Direttiva 2014/17/UE" tfisser id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, kif tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kwalunkwe strument legali vinkolanti, linji gwida u miżuri oħra li nħarġu, jew li jistgħu jinħarġu taħthom;

"Direttiva NPL" tfisser id-Direttiva (UE) 2021/2167 tal-Parlament Ewopew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2021 dwar is-servizzjanti tal-kreditu u x-xerrejja tal-kreditu u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE, kif tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kwalunkwe strument legali vinkolanti, linji gwida u miżuri oħra li nħarġu, jew li jistgħu jinħarġu taħtha;

"fornitur ta' servizzi ta' kreditu" tfisser parti terza użata minn persuna li tipprovdi ġestjoni ta' kreditu sabiex twettaq kwalunkwe waħda mill-attivitajiet ta' servizzi ta' kreditu;

"GDPR" tfisser ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien, u jinkludi kwalunkwe strumenti legali vinkolanti, linji gwida u miżuri oħra li nħarġu, jew li jistgħu jinħarġu taħtu;

"istituzzjoni ta' kreditu" tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif imfissra fil-punt (1) tal-artikolu 4(1)tas-CRR;

"konsumatur" tfisser persuna fiżika li, f'kuntratti ta' kreditu regolati minn dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, jew mir-Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu jew mir-Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu, qed taġixxi għal skopijiet li mhumiex fi ħdan il-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tagħha;

"korp maniġerjali" tfisser il-korp jew korpi ta' persuna ġuridika, li hija maħtura f'konformità mal-liġi applikabbli u li għandha s-setgħa li tistabbilixxi l-istrateġija, l-objettivi u d-direzzjoni ġenerali tal-persuna ġuridika, u li tissorvelja u tagħmel monitoraġġ tat-teħid ta' deċiżjonijiet maniġerjali, u tinkludi l-persuni li effettivament imexxu n-negozju tal-persuna ġuridika;

"kreditur" tfisser istituzzjoni ta' kreditu li tkun ħarġet kreditu jew xerrej ta' kreditu;

"kuntratt ta' għoti ta' servizzi ta' kreditu" tfisser kuntratt bil-miktub konklużbejn xerrej ta' kreditu u persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu dwar is-servizzi li għandhom jiġu pprovduti mill-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu f'isem ix-xerrej ta' kreditu;

"kuntratt ta' kreditu" tfisser kuntratt kif oriġinarjament maħruġ, modifikat jew sostitwit, fejn istituzzjoni ta' kreditu tagħti kreditu fil-forma ta' pagament differit, self jew akkomodazzjoni finanzjarja simili oħra;

"kuntratt ta' kreditu mhux produttiv" tfisser kuntratt ta' kreditu li huwa kklassifikat bħala skopertura mhux produttiva skont l-Artikolu 47a tas-CRR;

"liċenzja" tfisser liċenzja sabiex jitwettqu attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu maħruġa skont dan l-Att;

"MiFID" tfisser id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE, kif tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kwalunkwe strumenti legali vinkolanti, linji gwida u miżuri oħra li nħarġu, jew li jistgħu jinħarġu taħtha;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji;

"mutwatarju" tfisser persuna ġuridika jew fiżika li tkun ikkonkludiet kuntratt ta' kreditu ma' istituzzjoni ta' kreditu, inkluż is-suċċessur legali jew iċ-ċessjonarju tagħha;

"persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu" tfisser persuna ġuridika li, matul in-negozju tagħha, timmaniġġja u tinforza d-drittijiet u l-obbligi relatati mad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew tal-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, f'isem xerrej ta' kreditu, u li twettaq mill-inqas attività waħda (1) jew aktar attivitajiet ta' servizzi ta' kreditu;

"rappreżentant maħtur" tfisser ir-rappreżentant ta' xerrej ta' kreditu minn pajjiż terz maħtur skont l-artikolu 17;

"Regolament (UE) 2017/2402" tfisser ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta'

Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012;

"Regolament (UE) 2018/1725" tfisser ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien, u jinkludi kwalunkwe strumenti legali vinkolanti, linji gwida u miżuri oħra li nħarġu, jew li jistgħu jinħarġu taħtu;

"Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu" tfisser Regoli, għajr ir-Regoli tal-Kondotta tal-Operat, li jistgħu jinħarġu mill-awtorità kompetenti skont dan l-Att;

"Regoli tal-Kondotta tal-Operat" tfisser Regoli, għajr ir-Regoli dwar il-Provvediment ta' Servizzi ta' Kreditu, maħruġa mill-awtorità kompetenti skont dan l-Att;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u tinkludi Stat taż-Żona Ekonomika Ewropea;

"Stat Membru ospitanti" tfisser l-Istat Membru, għajr l-Istat Membru ta' domiċilju, li fih persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu tkun stabbilixxiet fergħa jew fejn tipprovdi attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu, u fi kwalunkwe każ fejn ikun domiċiljat il-mutwatarju, jew fejn ikun jinsab l-uffiċċju reġistrat tiegħu jew, jekk skont il-liġi nazzjonali tiegħu ma jkollu l-ebda uffiċċju reġistrat, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju prinċipali tiegħu;

"Stat Membru ta' domiċilju" tfisser, fir-rigward ta' persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju reġistrat tagħha jew, jekk skont il-liġi nazzjonali tagħha ma jkollha l-ebda uffiċċju reġistrat, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju prinċipali tagħha jew, fir-rigward ta' xerrej ta' kreditu, l-Istat Membru li fih ikun domiċiljat ix-xerrej ta' kreditu jew ir-rappreżentant tiegħu, jew li fih l-uffiċċju reġistrat tiegħu jkun jinsab jew, jekk skont il-liġi nazzjonali tiegħu ma jkollu l-ebda uffiċċju reġistrat, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju prinċipali tiegħu;

"strument legali vinkolanti" tfisser kwalunkwe miżura applikabbli direttament, inkluż iżda mhux limitat għal, kwalunkwe standards tekniċi ta' implimentazzjoni, standards tekniċi regolatorji jew miżuri simili, maħruġa skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea;

"xerrej ta' kreditu" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, għajr istituzzjoni ta' kreditu, li tixtri d-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew tal-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, fil-kors tal-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tiegħu, skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea u l-liġi nazzjonali applikabbli.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-Att, sakemm ir-rabta tal-kliem ma titlobx xort' oħra, termini użati f'dan l-Att li ma jkunux imfissra fih għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħtija lilhom fid-Direttiva NPL.

(3) F'dan l-Att u fi kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, f'każ ta' kunflitt bejn it-testi bl-Ingliż u bil-Malti, it-test bl-Ingliż għandu jipprevali.

Applikabbiltà.

3. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe regolamenti, tar-Regoli dwar il-Provvediment ta' Servizzi ta' Kreditu u tar-Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu għandhom japplikaw għal dan li ġej:

(a) persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu li jaġixxu f'isem xerrej ta' kreditu fir-rigward tad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew tal-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, maħruġ minn istituzzjoni ta' kreditu; u

(b) ix-xerrejja ta' kreditu tad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew tal-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, maħruġ minn istituzzjoni ta' kreditu.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u kwalunkwe regolament, tar-Regoli dwar il-Provvediment ta' Servizzi ta' Kreditu u tar-Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu għandhom ikunu bla ħsara għal kwalunkwe liġi oħra relatata ma':

(a) it-trasferiment tad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu, jew tal-kuntratt ta' kreditu nnifsu;

(b) il-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi u tal-mutwatarji, inklużi d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 593/2008 u (UE) Nru 1215/2012, u d-Direttivi 93/13/KEE,

2008/48/KE, 2014/17/UE kif trasposti fil-liġi nazzjonali;

(ċ) kwalunkwe restrizzjoni rigward it-trasferiment tad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew tal-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, li ma jkunx skada, jew li jkun skada b'inqas minn disgħin (90) jum, jew ma jiġix terminat skont il-leġiżlazzjoni applikabbli; u

(d) kwalunkwe rekwiżit rigward l-għoti ta' servizzi tad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu, jew tal-kuntratt ta' kreditu nnifsu, meta x-xerrej ta' kreditu jkun entità bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402, sakemm dik il-liġi:

(i) ma taffettwax il-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur ipprovdut mid-Direttiva NPL kif trasposta fil-liġi nazzjonali; u

(ii) tiżgura li l-awtorità kompetenti tirċievi l-informazzjoni meħtieġa mingħand il-persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu.

Nuqqas ta' applikabbiltà.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, tar-Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu u tar-Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu ma għandhomx japplikaw għal dawn li ġejjin:

(a) l-għoti tas-servizz tad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu, jew tal-kuntratt ta' kreditu nnifsu, imwettaq minn:

(i) istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fl-Unjoni Ewropea;

(ii) maniġer ta' fondi ta' investiment alternattivi (AIFM) awtorizzat jew irreġistrat skont id-Direttiva 2011/61/UE, jew kumpanija maniġerjali, jew kumpanija ta' investiment awtorizzata skont id-Direttiva 2009/65/KE sakemm il-kumpanija ta' investiment ma tkunx ħatret kumpanija maniġerjali skont id-Direttiva tal-aħħar, f'isem il-fond li timmaniġġja;

(iii) istituzzjoni mhux ta' kreditu soġġetta għal superviżjoni minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2008/48/KE jew l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/17/UE meta twettaq attivitajiet f'dak l-Istat Membru;

(b) l-għoti ta' servizzi tad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu, jew tal-kuntratt ta' kreditu nnifsu, li ma jkunx inħareġ minn istituzzjoni ta' kreditu ħlief fejn id-drittijiet tal-kreditur skont il-kuntratt ta' kreditu, jew il-kuntratt ta' kreditu nnifsu, jiġu sostitwiti minn kuntratt ta' kreditu maħruġ minn tali istituzzjoni ta' kreditu;

(ċ) ix-xiri tad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew tal-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fl-Unjoni Ewropea;

(d) it-trasferiment tad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu, jew tal-kuntratt ta' kreditu nnifsu, trasferit qabel it-30 ta' Diċembru 2023; u

(e) l-għoti ta' servizzi tad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu, jew tal-kuntratt ta' kreditu nnifsu, imwettaq minn nutara u marixxalli jew avukati kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 98/5/KE, meta jwettqu attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu bħala parti mill-professjoni tagħhom.

L-awtorità kompetenti.

5. (1) L-awtorità kompetenti għandha twettaq il-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att u, b'mod partikolari, għandha tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att imsemmi u ma' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, mar-Regoli dwar il-Provvediment ta' Servizzi ta' Kreditu u mar-Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħt dan l-Att.

(2) L-awtorità kompetenti għandha twettaq ukoll il-funzjonijiet u d-dmirijiet bħala awtorità kompetenti għall-finijiet kollha tad-Direttiva NPL kif trasposta fil-liġi nazzjonali.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, fejn Malta hija l-Istat Membru ta' domiċilju, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu u, fejn applikabbli, il-fornituri ta' servizzi ta' kreditu li lilhom ikunu ġew esternalizzati l-attivitajiet ta'ġestjoni ta' kreditu skont l-artikolu 12 jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ma' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, mar-Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu u mar-Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu, fuq bażi kontinwa.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, fejn Malta hija l-Istat Membru ta' domiċilju, hija għandha tkun responsabbli għas-superviżjoni tal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 10 u fl-Artikoli 17 sa 20 tad-Direttiva NPL, kif trasposta fil-liġi nazzjonali, fir-rigward tax-xerrej ta' kreditu jew, fejn applikabbli, tar-rappreżentant maħtur

tiegħu.

TAQSIMA I
PERSUNI LI JIPPROVDU SERVIZZI TA' KREDITU

Awtorizzazzjoni bħala persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu.

6. (1) L-ebda persuna ġuridika ma għandha taġixxi bħala persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu, jew tqis lilha nnifisha li taġixxi bħala persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu, f'Malta sakemm ma tkunx debitament awtorizzata mill-awtorità kompetenti jew minn kwalunkwe awtorità regolatorja Ewropea sabiex taġixxi bħala persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu.

(2) L-ebda persuna ġuridika stabbilita f'Malta ma għandha taġixxi bħala persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu, jew tqis lilha nnifisha li taġixxi bħala persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu, sakemm ma tkunx debitament awtorizzata mill-awtorità kompetenti sabiex taġixxi bħala persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu skont dan l-Att.

(3) Meta persuna ġuridika tkun awtorizzata mill-awtorità kompetenti sabiex taġixxi bħala persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu, hija tista' tirċievi u żżomm fondi mingħand il-mutwatarji sabiex tittrasferixxi dawk il-fondi lix-xerrejja ta' kreditu, diment li għandha tagħmel dan biss f'Malta u fi kwalunkwe Stat Membru ospitanti li jippermetti tali riċeviment u żamma ta' fondi.

(4) Meta persuna ġuridika tkun awtorizzata minn awtorità regolatorja Ewropea sabiex taġixxi bħala persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu, hija tista' tirċievi u żżomm fondi minn mutwatarji f'Malta sabiex tittrasferixxi dawk il-fondi lix-xerrejja ta' kreditu, diment li għandha tagħmel dan biss jekk l-Istat Membru ta' domiċilju jippermetti tali riċeviment u żamma ta' fondi.

Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni.

7. (1) Persuna ġuridika stabbilita f'Malta bl-intenzjoni li taġixxi bħala persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu għandha tapplika mal-awtorità kompetenti għal awtorizzazzjoni sabiex taġixxi bħala persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu.

(2) Applikant għandu jissottometti lill-awtorità kompetenti applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni sabiex jaġixxi bħala persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu. Applikant għandu jipprovdi wkoll l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex l-awtorità kompetenti tivverifika li l-applikant ikun issodisfa l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-artikolu 8.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), l-applikazzjoni msemmija fl-imsemmi subartikolu (2) għandha tkun akkumpanjata b'dan li ġej:

(a) evidenza tal-istatus legali tal-applikant u kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tiegħu, u l-memorandum u l-artikoli ta' assoċjazzjoni tiegħu;

(b) l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat tal-applikant;

(ċ) l-identità tal-membri tal-korp maniġerjali jew amministrattiv tal-applikant u l-persuni li għandhom parteċipazzjoni kwalifikanti skont il-punt (36) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;

(d) evidenza li l-applikant jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-artikolu 8(b) u (ċ);

(e) evidenza li l-persuni li għandhom parteċipazzjoni kwalifikanti skont it-tifsira tal-punt (36) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-artikolu 8(d);

(f) evidenza tal-arranġamenti ta' governanza u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern imsemmija fl-artikolu 8(e);

(g) evidenza tal-politika msemmija fl-artikolu 8(f);

(h) evidenza tal-proċeduri interni msemmija fl-artikolu 8(g);

(i) evidenza tal-proċeduri msemmija fl-artikolu 8(h);

(j) fejn rilevanti, evidenza tal-eżistenza ta' kont separat f'istituzzjoni ta' kreditu kif previst fl-artikolu 8(j);

(k) kwalunkwe ftehim ta' esternalizzazzjoni kif imsemmi fl-artikolu 13; u

(l) meta l-applikant ma jkollux l-intenzjoni li jirċievi u jżomm fondi mingħand il-mutwatarji bħala parti mill-mudell tan-negozju tiegħu, dikjarazzjoni f'dan is-sens.

(4) L-awtorità kompetenti għandha, fi żmien ħamsa u erbgħin (45) jum minn meta tirċievi l-applikazzjoni msemmija fis-subartikolu (2), tivvaluta jekk dik l-applikazzjoni hijiex kompluta billi tiżgura li l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni msemmija fis-subartikolu (3) ġew sottomessi.

(5) Meta l-applikazzjoni msemmija fis-subartikolu (2) ma tkunx kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi skadenza sa meta l-applikant għandu jipprovdi l-informazzjoni nieqsa. Jekk l-applikazzjoni msemmija tibqa' mhux kompluta wara l-iskadenza

msemmija f'dan is-subartikolu, l-awtorità kompetenti tista' tirrifjuta li tirrevedi l-applikazzjoni u, fil-każ ta' tali rifjut, għandha tibgħat lura d-dokumenti sottomessi lill-applikant.

(6) Meta applikazzjoni msemmija fis-subartikolu (2) tkun kompluta, l-awtorità kompetenti għandha minnufih tinnotifika lill-applikant b'dan.

(7) L-awtorità kompetenti għandha, fi żmien disgħin (90) jum minn meta tirċievi applikazzjoni kompluta jew, jekk l-applikazzjoni titqies mhux kompluta mill-awtorità kompetenti, minn meta tirċievi l-informazzjoni meħtieġa u, jew id-dokumentazzjoni, tavża lill-applikant jekk l-awtorizzazzjoni sabiex jaġixxi bħala persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu tkunx ingħatat jew ġietx irrifjutata, u tipprovdi raġunijiet għar-rifjut.

(8) Fl-għoti ta' awtorizzazzjoni skont dan l-Att, l-awtorità kompetenti tista' timponi fuq il-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu dawk il-kondizzjonijiet li hija tqis xierqa u wara li tkun tat tali awtorizzazzjoni, hija tista', minn żmien għal żmien, tvarja jew tirrevoka kwalunkwe kondizzjoni hekk imposta jew timponi kondizzjonijiet ġodda, kif applikabbli.

(9) Persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu li jkun beħsiebha testendi n-negozju tagħha għal servizzi addizzjonali mhux previsti fiż-żmien tal-għoti tal-awtorizzazzjoni skont dan l-Att għandha tissottometti talba bil-miktub għall-estensjoni tal-liċenzja tagħha lill-awtorità kompetenti billi tikkomplementa u, jew taġġorna l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni msemmija f'dan l-Att, kif applikabbli.

(10) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi u żżomm lista tal-persuni kollha li jipprovdu servizzi ta' kreditu awtorizzati skont dan l-Att u l-persuni kollha li jipprovdu servizzi ta' kreditu awtorizzati fi kwalunkwe Stat Membru, għajr Malta, li jipprovdu servizzi f'Malta skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva NPL. L-awtorità kompetenti għandha tippubblika l-lista msemmija fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħha u għandha taġġornaha fuq bażi regolari.

Ċaħda tal-awtorizzazzjoni.

8. L-awtorità kompetenti ma għandhiex tagħti awtorizzazzjoni lil applikant bħala persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu skont dan l-Att sakemm ma tkunx sodisfatta li:

(a) l-applikant ikun persuna ġuridika kif imsemmi fl-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-uffiċċju reġistrat tiegħu jkun f'Malta;

(b) il-membri tal-korp maniġerjali jew amministrattiv

tal-applikant huma ta' reputazzjoni suffiċjentement tajba, li tintwera billi jiġi ppruvat li:

(i) ikollhom kondotta nadifa tal-pulizija jew kwalunkwe kondotta ekwivalenti nazzjonali oħra fir-rigward ta' reati kriminali rilevanti, b'mod partikolari dawk relatati mal-proprjetà, is-servizzi u l-attivitajiet finanzjarji, il-ħasil tal-flus, l-użura, il-frodi, ir-reati fiskali, il-ksur tas-segretezza professjonali jew tal-integrità fiżika, kif ukoll fir-rigward ta' kwalunkwe reat ieħor skont il-liġijiet relatati mal-kumpaniji, il-falliment, l-insolvenza jew il-protezzjoni tal-konsumatur;

(ii) l-effetti kumulattivi ta' inċidenti minuri ma jaffettwawx ir-reputazzjoni tajba tagħhom;

(iii) minn dejjem kienu trasparenti, miftuħa u kooperattivi fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-passat tagħhom mal-awtoritajiet superviżorji u regolatorji;

(iv) ma jkunux soġġetti għal xi proċedura ta' insolvenza li tkun għaddejja u lanqas ma jkunu ġew iddikjarati falluti qabel sakemm ma jkunux reġgħu ġew integrati mill-ġdid skont il-liġi applikabbli;

(ċ) il-korp maniġerjali jew amministrattiv tal-applikant, b'mod ġenerali, ikollu għarfien u esperjenza adegwati sabiex iwettaq in-negozju b'mod kompetenti u responsabbli;

(d) il-persuni li jkollhom parteċipazzjonijiet kwalifikanti fl-applikant skont it-tifsira tal-punt (36) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR ikunu ta' reputazzjoni suffiċjentement tajba, li tintwera billi jiġu sodisfatti r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu (b) ta' dan l-artikolu;

(e) l-applikant ikollu fis-seħħ arranġamenti ta' governanza robusti u mekkaniżmi ta' kontroll intern adegwati, inklużi l-ġestjoni tar-riskju u l-proċeduri ta' kontabilità, li jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tal-mutwatarji u l-konformità mal-liġijiet li jirregolaw id-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu, jew il-kuntratt tal-kreditu nnifsu, u mal-GDPR;

(f) l-applikant japplika politika xierqa li tiżgura l-konformità mar-regoli għall-protezzjoni, u t-trattament ġust u diliġenti tal-mutwatarji, inkluż billi jqis is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom u, fejn disponibbli, il-ħtieġa li tali

mutwatarji jiġu riferuti għal pariri dwar id-dejn jew servizzi soċjali;

(g) l-applikant ikollu fis-seħħ proċeduri interni adegwati u speċifiċi li jiżguraw ir-reġistrazzjoni u t-trattament tal-ilmenti tal-mutwatarji;

(h) l-applikant ikollu fis-seħħ proċeduri adegwati kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu fejn id-dispożizzjonijiet tal-Att kontra *Money Laundering*, jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, jinnominaw lill-persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu bħala persuni suġġetti;

Kap. 373.

(i) l-applikant huwa soġġett, bis-saħħa tal-liġi nazzjonali applikabbli, għar-rekwiżiti ta' rappurtar u ta' żvelar pubbliku; u

(j) l-applikant għandu kont separat f'istituzzjoni ta' kreditu li fih il-fondi kollha riċevuti mill-mutwatarji għandhom jiġu kkreditati u jinżammu sakemm jiġu diretti lejn ix-xerrej ta' kreditu rispettiv, taħt il-kondizzjonijiet miftiehma max-xerrej ta' kreditu:

Iżda dan il-paragrafu ma għandux japplika meta l-applikant ma jkollux l-intenzjoni li jirċievi u jżomm fondi mingħand il-mutwatarji bħala parti mill-mudell tan-negozju tiegħu u jipprovdi lill-awtorità kompetenti b'dikjarazzjoni għal dak il-għan skont l-artikolu 7(3)(l).

Sospensjoni jew irtirar tal-awtorizzazzjoni.

9. (1) L-awtorità kompetenti tista' fi kwalunkwe ħin tissospendi jew tirtira awtorizzazzjoni mogħtija lil persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu skont dan l-Att fejn kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin tapplika għal tali persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu:

(a) il-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu ma tagħmilx użu mill-awtorizzazzjoni fi żmien tnax (12)-il xahar mill-għoti tagħha mill-awtorità kompetenti;

(b) il-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu tirrinunzja espressament għall-awtorizzazzjoni;

(ċ) il-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu tkun waqfet tinvolvi ruħha fl-attivitajiet ta' persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu għal aktar minn tnax (12)-il xahar;

(d) il-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu tkun kisbet awtorizzazzjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz jew b'mezzi

irregolari oħra;

(e) il-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu ma tibqax tissodisfa r-rekwiżiti għall-għoti ta' tali awtorizzazzjoni stabbiliti fl-artikolu 8; u jew

(f) il-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu twettaq ksur serju ta' kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ta' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, ta' Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu jew ta' Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu u, jew kwalunkwe liġi oħra li tirregola l-protezzjoni tal-konsumatur, inkluża kwalunkwe liġi applikabbli tal-Istat Membru ospitanti jew tal-Istat Membru fejn ikun ingħata l-kreditu.

(2) Fejn awtorizzazzjoni tiġi rtirata skont is-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti għandha, fejn applikabbli, tinforma minnufih lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti f'każijiet fejn il-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu tipprovdi s-servizzi skont regolamenti magħmula taħt dan l-Att, kif ukoll lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru fejn ingħata l-kreditu, meta dan ikun differenti mill-Istat Membru ospitanti u mill-Istat Membru tad-domiċilju.

(3) Meta awtorizzazzjoni tiġi rtirata skont is-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-lista msemmija fl-artikolu 7(10) mingħajr dewmien.

Avviż ta' rifjut, varjazzjoni, sospensjoni jew irtirar ta' awtorizzazzjoni proposti.

10. (1) Fejn l-awtorità kompetenti tipproponi:

(a) li tvarja kwalunkwe kondizzjoni li għaliha tkun soġġetta l-awtorizzazzjoni jew li timponi kondizzjoni fuqha; jew

(b) li tirrifjuta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, jew li tirtira jew tissospendi awtorizzazzjoni,

hi għandha tagħti lill-applikant jew lill-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu, kif applikabbli, avviż bil-miktub dwar l-intenzjoni tagħha li tagħmel dan, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li tipproponi li tieħu.

(2) Kull avviż mogħti taħt is-subartikolu (1) għandu jiddikjara li r-riċevitur tal-avviż jista', f'dak il-perjodu raġonevoli wara li jkun ingħata l-avviż kif jista' jkun iddikjarat fl-avviż, jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub lill-awtorità kompetenti li bihom jagħti r-raġunijiet għaliex id-deċiżjoni proposta ma għandhiex tittieħed, u l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra kwalunkwe sottomissjoni

hekk magħmula qabel ma tasal għal deċiżjoni finali.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7(7), l-awtorità kompetenti għandha mill-aktar fis prattikabbli tavża bid-deċiżjoni finali tagħha bil-miktub lil kwalunkwe persuna li lilha għandu jingħata avviż skont is-subartikolu (1).

Superviżjoni tal-persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu.

11. (1) Meta Malta tkun l-Istat Membru ta' domiċilju, l-awtorità kompetenti għandha tevalwa, billi tapplika approċċ ibbażat fuq ir-riskju, l-implimentazzjoni minn persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu tar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi (e) sa (h) tal-artikolu 8:

Iżda l-awtorità kompetenti għandha tiddetermina l-firxa tal-evalwazzjoni msemmija f'dan is-subartikolu, filwaqt li tqis id-daqs, in-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-persuna kkonċernata li tipprovdi servizzi ta' kreditu.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti, jew tal-Istat Membru fejn ikun ingħata l-kreditu, meta dan ikun differenti mill-Istat Membru ospitanti u dak tad-domiċilju, bir-riżultati tal-evalwazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) fuq talba ta' waħda (1) mill-imsemmija awtoritajiet regolatorji Ewropej, jew fejn l-awtorità kompetenti tqis li jkun xieraq. Id-dettalji ta' kwalunkwe penali amministrattiva jew miżura amministrattiva oħra imposta għandhom jiġu trasmessi mill-awtorità kompetenti lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti u, fejn xieraq, tal-Istat Membru fejn ingħata l-kreditu, meta dan ikun differenti mill-Istat Membru ospitanti u dak tad-domiċilju.

(3) Meta twettaq l-evalwazzjoni msemmija fis-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti għandha tiskambja informazzjoni mal-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti, u tal-Istat Membru fejn ikun ingħata l-kreditu, meta jkun differenti mill-Istat Membru ospitanti u dak tad-domiċilju, kif ikun meħtieġ sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-funzjonijiet u d-dmirijiet rispettivi tagħhom stabbiliti fid-Direttiva NPL.

Kapaċità ta' żamma ta' fondi.

12. (1) Meta persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu jkollha l-ħsieb li tirċievi u żżomm fondi f'isem il-mutwatarji bħala parti mill-mudell tan-negozju tagħha skont dan l-Att, tali fondi għandhom, skont id-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi applikabbli, jiġu protetti fl-interess tax-xerrejja ta' kreditu kontra l-pretensjonijiet tal-krediturі l-oħra tal-persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu, b'mod partikolari fil-każ ta' insolvenza.

(2) Meta persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu jkollha l-intenzjoni li tirċievi u żżomm fondi f'isem il-mutwatarji bħala parti mill-mudell tan-negozju tagħha skont dan l-Att, u l-mutwatarju

jagħmel pagament lil dik il-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu sabiex, parzjalment jew totalment, jirrimborża l-ammonti dovuti relatati mad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew tal-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, dak il-pagament għandu jitqies li tħallas lix-xerrej ta' kreditu.

(3) Meta persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu jkollha l-intenzjoni li tirċievi u żżomm fondi f'isem il-mutwatarji bħala parti mill-mudell tan-negozju tagħha skont dan l-Att, dik il-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu għandha tkun meħtieġa tagħti riċevuta jew ittra ta' rilaxx lill-mutwatarju, fuq karta jew mezz durabbli ieħor, kull meta l-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu tirċievi fondi mingħand il-mutwatarju, filwaqt li tirrikonoxxi l-ammonti riċevuti.

(4) Il-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ma għandhomx jitħallew jirċievu u jżommu fondi mingħand il-mutwatarji.

Esternalizzazzjoni minn persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu.

13. (1) Meta persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu tuża fornitur ta' servizzi ta' kreditu sabiex iwettaq kwalunkwe waħda mill-attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu, il-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu għandha tibqa' kompletament responsabbli għall-osservanza tal-obbligi kollha li joħorġu minn dan l-Att, u minn kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, jew mir-Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu u r-Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu.

(2) L-esternalizzazzjoni ta' kwalunkwe attività ta' ġestjoni ta' kreditu kif imsemmija fis-subartikolu (1) għandha tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-konklużjoni ta' kuntratt ta' esternalizzazzjoni bil-miktub bejn il-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu u l-fornitur ta' servizzi ta' kreditu li taħtu l-fornitur ta' servizzi ta' kreditu huwa meħtieġ jikkonforma mad-dispożizzjonijiet legali applikabbli, inklużi d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u ta' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, mar-Regoli dwar il-Provvediment ta' Servizz ta' Kreditu u mar-Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu, u l-liġi nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea rilevanti applikabbli għad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu, jew għall-kuntratt ta' kreditu nnifsu;

(b) l-esternalizzazzjoni lil fornitur ta' servizzi ta' kreditu tal-attivitajiet kollha ta' ġestjoni ta' kreditu fl-istess ħin hija pprojbita;

(ċ) ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu u x-xerrej ta' kreditu u l-obbligi tal-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu lejn ix-xerrej ta'

kreditu jew lejn il-mutwatarji ma tinbidilx bil-kuntratt ta' esternalizzazzjoni mal-fornitur ta' servizzi ta' kreditu;

(d) il-konformità ta' persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu mar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni stabbiliti fl-artikolu 8 mhijiex affettwata mill-esternalizzazzjoni ta' xi wħud mill-attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu tiegħu;

(e) l-esternalizzazzjoni lill-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ma tipprevjenix is-superviżjoni tal-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu mill-awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti u mill-Istat Membru fejn ingħata l-kreditu, meta dan ikun differenti mill-Istat Membru ta' domiċilju u mill-Istat Membru ospitanti, skont l-Artikolu 5 u l-Artikolu 14 tad-Direttiva NPL, kif applikabbli;

(f) il-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu jkollha aċċess dirett għall-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu esternalizzati lill-fornitur ta' servizzi ta' kreditu;

(g) wara li jintemm il-ftehim ta' esternalizzazzjoni, il-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu jkollha l-għarfien espert u r-riżorsi sabiex tkun tista' tipprovdi l-attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu esternalizzati; u

(h) l-esternalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu ma għandhiex titwettaq b'tali mod li tfixkel il-kwalità tal-kontroll intern tal-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu, jew is-soliditá jew il-kontinwità tal-attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu tagħha.

(3) Il-persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju u, fejn applikabbli, tal-Istat Membru ospitanti, qabel ma jesternalizzaw l-attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu tagħhom skont dan l-artikolu.

(4) Il-persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu għandhom iżommu u jaġġornaw rekords tal-istruzzjonijiet rilevanti pprovduti lill-fornitur ta' servizzi ta' kreditu, skont il-kondizzjonijiet previsti fil-liġi nazzjonali applikabbli, u tal-ftehim ta' esternalizzazzjoni msemmi f'dan l-artikolu, għal perjodu ta' mill-inqas ħames (5) snin, iżda mhux aktar minn għaxar (10) snin, mid-data li fiha jiġi tterminat il-ftehim ta' esternalizzazzjoni.

(5) Il-persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu u l-forniturí ta'

servizzi ta' kreditu għandhom jagħmlu l-informazzjoni msemmija fis-subartikolu (4) disponibbli għall-awtorità kompetenti fuq talba.

TAQSIMA II
XERREJJA TA' KREDITU

Dritt għall-informazzjoni.

14. (1) L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu lil xerrej ta' kreditu prospettiv l-informazzjoni meħtieġa rigward id-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew il-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu u, jekk applikabbli, il-kollaterali sabiex ix-xerrej ta' kreditu prospettiv ikun jista' jwettaq il-valutazzjoni tiegħu stess tal-valur tad-drittijiet tal-kreditur skont il-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew tal-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, u l-probabbiltà ta' rkupru tal-valur ta' dak il-kuntratt qabel ma jidħol f'kuntratt għat-trasferiment tad-drittijiet ta' dak il-kreditur skont il-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew tal-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni tal-informazzjoni magħmula disponibbli mill-istituzzjoni ta' kreditu u l-kunfidenzjalità tad-data tan-negozju.

(2) Fuq bażi biannwali, l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jittrasferixxu lil xerrej ta' kreditu drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew il-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti u lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti mill-inqas dwar dan li ġej:

(a) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija;

(b) l-identifikatur ta' entità ġuridika tax-xerrej ta' kreditu jew, fejn applikabbli, tar-rappreżentant tagħha maħtur skont l-artikolu 17, jew fejn dawn ma jeżistux, dwar:

(i) l-identità tax-xerrej ta' kreditu jew tal-membri tal-korp maniġerjali jew amministrattiv tax-xerrej ta' kreditu u l-persuni li jkollhom parteċipazzjoni kwalifikanti fix-xerrej ta' kreditu skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(36) tas-CRR; u

(ii) l-indirizz u, jew l-uffiċċju reġistrat tax-xerrej ta' kreditu jew, fejn applikabbli, ir-rappreżentant tiegħu maħtur skont l-artikolu 17;

(ċ) il-bilanċ pendenti aggregat tad-drittijiet tal-kreditur skont il-kuntratti ta' kreditu mhux produttivi jew tal-kuntratti ta' kreditu mhux produttivi ttrasferiti;

(d) l-għadd u d-daqs tad-drittijiet tal-kreditur skont il-

kuntratti ta' kreditu mhux produttivi jew tal-kuntratti ta' kreditu mhux produttivi ttrasferiti; u

(e) jekk it-trasferiment jinkludix id-drittijiet tal-kreditur skont il-kuntratti ta' kreditu mhux produttivi, jew il-kuntratti ta' kreditu mhux produttivi nfushom, konklużi mal-konsumaturi u t-tipi ta' attiv li jiggarantixxu l-kuntratti ta' kreditu mhux produttivi, meta applikabbli.

(3) L-awtoritajiet imsemmija fis-subartikolu (2) jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdu l-informazzjoni msemmija fis-subartikolu msemmi fuq bażi trimestrali kull meta jqisu meħtieġ, inkluż sabiex jimmonitorjaw aħjar numru kbir ta' trasferimenti li jistgħu jseħħu matul perjodu ta' kriżi.

(4) Fejn Malta hija l-Istat Membru ospitanti, l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika mingħajr dewmien l-informazzjoni msemmija fis-subartikoli (2) u (3), u kwalunkwe informazzjoni oħra li l-awtorità kompetenti tista' tikkunsidra bħala meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet u d-dmirijiet skont id-Direttiva NPL, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tax-xerrej ta' kreditu.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom jiġu applikati f'konformità mal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u l-GDPR.

Kap. 586.

Obbligi tax-xerrejja ta' kreditu.

15. (1) Xerrej ta' kreditu li jkun domiċiljat jew li jkollu l-uffiċċju reġistrat tiegħu f'Malta għandu jaħtar entità kif imsemmi fl-artikolu 4(a)(i) jew (iii) jew persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu, sabiex twettaq attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu fir-rigward tad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew tal-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, konklużż mal-konsumaturi.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), meta xerrej ta' kreditu domiċiljat fl-Unjoni Ewropea, jew li jkollu l-uffiċċju reġistrat tiegħu jew, jekk skont il-liġi nazzjonali tiegħu ma jkollu l-ebda uffiċċju reġistrat, l-uffiċċju prinċipali tiegħu fl-Unjoni Ewropea jixtri d-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew il-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, konklużż ma' konsumatur domiċiljat f'Malta, minbarra d-drittijiet ta' kreditur skont kwalunkwe kuntratt ta' kreditu ieħor, jew kwalunkwe tali kuntratt ta' kreditu ieħor innifsu, huwa għandu jaħtar entità kif imsemmi fl-artikolu 4(a)(i) jew (iii) jew persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu, sabiex twettaq attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu fir-rigward ta' tali drittijiet tal-krediturі, jew tali kuntratti ta' kreditu nfushom.

(3) Meta xerrej ta' kreditu ma jkunx domiċiljat fl-Unjoni Ewropea, jew ma jkollux l-uffiċċju reġistrat tiegħu jew, jekk skont il-

liġi nazzjonali tiegħu ma jkollu l-ebda uffiċċju reġistrat, l-uffiċċju prinċipali tiegħu fl-Unjoni Ewropea, ir-rappreżentant maħtur tiegħu għandu jaħtar entità kif imsemmi fl-artikolu 4(a)(i) jew (iii) jew persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu, ħlief f'każijiet fejn ir-rappreżentant maħtur innifsu jkun entità kif imsemmi fl-artikolu 4(a)(i) jew (iii), jew persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu, sabiex twettaq attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu fir-rigward tad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew tal-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, konkluż ma':

(a) persuni fiżiċi, inklużi l-konsumaturi u l-ħaddiema indipendenti; u, jew

(b) intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), kif imfissra fl-Artikolu 2 tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom japplikaw ukoll meta xerrej ta' kreditu kif imsemmi f'dan is-subartikolu jixtri d-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew il-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, konkluż ma' konsumatur domiċiljat f'Malta, flimkien mad-drittijiet ta' kreditur skont kwalunkwe kuntratt ta' kreditu ieħor, jew kwalunkwe tali kuntratt ta' kreditu nnifsu.

(4) Xerrej ta' kreditu ma għandux ikun soġġett għall-ebda rekwiżit addizzjonali għax-xiri tad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew tal-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, għajr kif previst skont dan l-Att, u kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, jew ir-Regoli dwar il-Provista ta' Servizzi ta' Kreditu u r-Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu, jew minn kwalunkwe dispożizzjoni applikabbli tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, il-liġi tal-kuntratti, il-liġi ċivili jew il-liġi kriminali.

(5) Il-liġi rilevanti tal-Unjoni Ewropea u l-liġi nazzjonali li tikkonċerna b'mod partikolari l-infurzar tal-kuntratti, il-protezzjoni tal-konsumatur, id-drittijiet tal-mutwatarji, l-oriġini tal-kreditu, ir-regoli dwar is-segretezza bankarja u l-liġi kriminali għandhom ikomplu japplikaw għax-xerrej ta' kreditu mat-trasferiment tad-drittijiet tal-kreditur skont il-kuntratt ta' kreditu, jew tal-kuntratt ta' kreditu nnifsu, għax-xerrej ta' kreditu.

(6) Bla ħsara għal kwalunkwe liġi nazzjonali u internazzjonali dwar iċ-ċedoli u l-kambjali, il-livell ta' protezzjoni previst skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea u l-liġi nazzjonali għal konsumaturi u għal mutwatarji oħra, kif ukoll il-liġijiet dwar l-insolvenza, ma għandux jiġi affettwat mit-trasferiment tad-drittijiet tal-kreditur skont il-kuntratt ta'

kreditu, jew tal-kuntratt ta' kreditu nnifsu, lix-xerrej ta' kreditu.

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u ta' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, ta' Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu u ta' Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu, għandhom ikunu bla ħsara għas-setgħa tal-awtorità kompetenti u ta' kwalunkwe awtorità nazzjonali oħra, aġenzija u, jew korp skont il-liġi li jeħtieġu informazzjoni mix-xerrejja ta' kreditu rigward id-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu, jew il-kuntratt ta' kreditu nnifsu, u l-prestazzjoni tiegħu.

(8) Ix-xerrejja ta' kreditu għandhom ikunu pprojbiti milli jingaġġaw persuni fiżiċi sabiex jagħmlu servizz tal-kuntratti ta' kreditu li jkunu akkwistaw.

(9) Persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu jew entità kif imsemmija fl-artikolu 4(a)(i) jew (iii) maħtura skont dan l-artikolu għandhom josservaw, f'isem ix-xerrej ta' kreditu, l-obbligi imposti fuq ix-xerrej ta' kreditu skont is-subartikoli (3) sa (5) u l-artikoli 16 u 18. F'każijiet fejn ma tinħatar l-ebda persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu jew entità kif imsemmi fl-artikolu 4(a)(i) jew (iii), ix-xerrej ta' kreditu jew ir-rappreżentant tiegħu għandhom jibqgħu soġġetti għal dawk l-obbligi.

(10) L-awtorità kompetenti tista' teħtieġ li l-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu jew l-entità kif imsemmi fl-artikolu 4(a)(i) jew (iii) maħtura skont dan l-artikolu tikkonforma, f'isem ix-xerrej ta' kreditu, mal-obbligi imposti fuq ix-xerrej ta' kreditu skont il-liġi nazzjonali, inkluż ma' dan l-Att u ma' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, ma' Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu u ma' Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu, u ma' kwalunkwe liġi kif imsemmija fis-subartikolu (6).

Użu ta' persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu jew entitajiet oħra.

16. (1) Meta x-xerrej ta' kreditu jew, fejn applikabbli, ir-rappreżentant maħtur tiegħu, jaħtar entità msemmija fl-artikolu 4(a)(i) jew (iii), jew persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu, sabiex twettaq attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu fir-rigward tad-drittijiet tal-kreditur trasferiti skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew il-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, ix-xerrej ta' kreditu jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jinforma lill-awtorità kompetenti bil-miktub dwar l-identità u l-indirizz tal-entità jew persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu msemmija, mhux aktar tard mid-data li fiha jibdew l-attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu.

(2) Meta x-xerrej ta' kreditu jew, fejn applikabbli, ir-rappreżentant maħtur tiegħu jaħtar entità għajr dik notifikata skont is-subartikolu (1), dan għandu javża lill-awtorità kompetenti dwar dan

mhux aktar tard mid-data ta' dik il-bidla u għandu jindika l-identità u l-indirizz tal-entità l-ġdida li jkun ħatar sabiex twettaq attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu fir-rigward tad-drittijiet tal-kreditur trasferiti skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv jew il-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu.

(3) Meta Malta tkun l-Istat Membru tad-domiċilju tax-xerrej ta' kreditu, l-awtorità kompetenti għandha tittrasmetti mingħajr dewmien żejjed lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti, lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru li fih ikun ingħata l-kreditu, u lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu l-ġdida, l-informazzjoni riċevuta skont is-subartikoli (1) u (2).

Rappreżentant ta' xerrej ta' kreditu minn pajjiż terz.

17. (1) Meta jiġi konkluż trasferiment tad-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew tal-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, xerrej ta' kreditu:

(a) li ma jkunx domiċiljat fi Stat Membru; jew

(b) li ma jkollux l-uffiċċju reġistrat tiegħu fi Stat Membru jew, jekk skont il-liġi nazzjonali tiegħu ma jkollux uffiċċju reġistrat, l-uffiċċju prinċipali tiegħu fi Stat Membru, skont il-każ,

għandu jaħtar bil-miktub rappreżentant li jkun domiċiljat fi Stat Membru jew li jkollu l-uffiċċju reġistrat tiegħu fi Stat Membru jew, jekk skont il-liġi nazzjonali tiegħu ma jkollux uffiċċju reġistrat, l-uffiċċju prinċipali tiegħu fi Stat Membru.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tindirizza lir-rappreżentant imsemmi fis-subartikolu (1) flimkien ma', jew minflok, ix-xerrej ta' kreditu dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-konformità kontinwa ma' dan l-Att, u ma' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, mar-Regoli dwar il-Provvediment ta' Servizzi ta' Kreditu u mar-Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu.

(3) Ir-rappreżentant imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jkun kompletament responsabbli għall-osservanza tal-obbligi imposti fuq ix-xerrej ta' kreditu skont dan l-Att, u skont kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, Regoli dwar il-Provvediment ta' Servizzi ta' Kreditu u r-Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu.

Trasferiment tad-drittijiet ta' kreditur minn xerrej ta' kreditu.

18. (1) Meta Malta tkun l-Istat Membru ta' domiċilju, xerrej ta' kreditu jew, fejn applikabbli, ir-rappreżentant maħtur tiegħu, li jittrasferixxi d-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew il-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, għandu jinforma lill-awtorità kompetenti fuq bażi biannwali dwar l-

identifikatur ta' entità ġuridika (LEI), tax-xerrej ta' kreditu l-ġdid u, fejn applikabbli, tar-rappreżentant maħtur tiegħu jew, fejn tali identifikatur ma jeżistix, dwar:

(a) l-identità tax-xerrej ta' kreditu l-ġdid jew, fejn applikabbli, tar-rappreżentant maħtur tiegħu, jew tal-membri tal-korp maniġerjali tax-xerrej ta' kreditu l-ġdid jew tar-rappreżentant tiegħu u l-persuni li jkollhom parteċipazzjonijiet kwalifikanti fix-xerrej ta' kreditu l-ġdid jew ir-rappreżentant tiegħu skont it-tifsira tal-punt (36) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR; u

(b) l-indirizz tax-xerrej ta' kreditu l-ġdid jew, fejn applikabbli, tar-rappreżentant maħtur tiegħu.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), fejn Malta hija l-Istat Membru ta' domiċilju, ix-xerrej ta' kreditu jew ir-rappreżentant maħtur tiegħu għandu jinforma lill-awtorità kompetenti mill-inqas dwar dan li ġej:

(a) il-bilanċ pendenti aggregat tad-drittijiet tal-kreditur skont il-kuntratti ta' kreditu mhux produttivi, jew tal-kuntratti ta' kreditu mhux produttivi ttrasferiti;

(b) l-għadd u d-daqs tad-drittijiet tal-kreditur skont il-kuntratti ta' kreditu mhux produttivi jew tal-kuntratti ta' kreditu mhux produttivi ttrasferiti;

(ċ) jekk it-trasferiment jinkludix id-drittijiet ta' kreditur skont kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu, konkluż mal-konsumaturi u t-tipi ta' attiv li jiggarantixxu l-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, meta applikabbli.

(3) Fejn Malta tkun l-Istat Membru tad-domiċilju, l-awtorità kompetenti tista' titlob li x-xerrejja ta' kreditu jew, fejn applikabbli, ir-rappreżentant maħtur tagħhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fis-subartikoli (1) u (2), fuq bażi trimestrali kull meta l-awtorità kompetenti tqis li jkun meħtieġ, inkluż sabiex timmonitorja aħjar numru kbir ta' trasferimenti li jistgħu jseħħu matul perjodu ta' kriżi.

(4) Fejn Malta tkun l-Istat Membru ta' domiċilju, l-awtorità kompetenti għandha tittrażmetti mingħajr dewmien żejjed l-informazzjoni li tirċievi skont dan l-artikolu lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti u lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ta' domiċilju tax-xerrej il-ġdid ta' kreditu.

TAQSIMA III
SETGĦAT REGOLATORJI U INVESTIGATTIVI

Setgħat tal-Ministru.

19. (1) Il-Ministru, li jaġixxi fuq parir tal-awtorità kompetenti, jista' jagħmel regolamenti sabiex jimplimenta d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dan ta' qabel jista', permezz ta' tali regolamenti, b'mod partikolari, jagħmel kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) jipprovdi għal u jirregola l-ħlas minn kwalunkwe persuna jew korp, skont il-każ, ta' awtorizzazzjoni jew drittijiet oħra u tali ħlasijiet oħra pagabbli lill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni prevista, permezz ta' jew skont dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvediment ta' Servizzi ta' Kreditu jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu inklużi d-drittijiet u l-ħlasijiet fir-rigward ta' kwalunkwe permess, liċenzja, awtorizzazzjoni, eżenzjoni jew benefiċċju ieħor, kif ukoll kwalunkwe dritt u ħlas fir-rigward tal-funzjonijiet regolatorji, superviżorji jew investigattivi tal-awtorità kompetenti skont dan l-Att u skont kwalunkwe regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu u r-Regoli dwar il-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu kif jista' jiġi preskritt;

(b) jeżenta kwalunkwe persuna, servizz jew attività minn kwalunkwe waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, bla ħsara għal tali varjazzjonijiet, żidiet, adattamenti u modifiki kif jista' jkun preskritt u bla ħsara għal tali kondizzjonijiet jew rekwiżiti oħra, inklużi forom oħra ta' awtorizzazzjoni u proċeduri ta' notifika, kif jista' jkun preskritt;

(ċ) jittrasponi, jimplimenta u jagħti effett lid-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti tad-Direttiva NPL;

(d) jittrasponi, jimplimenta u jagħti effett lid-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti tad-Direttivi tal-Unjoni Ewropea, tar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea u ta' kwalunkwe miżura leġiżlattiva oħra tal-Unjoni Ewropea li jeħtieġu traspożizzjoni u, jew implimentazzjoni, kif jistgħu jiġu emendati minn żmien għal żmien, inkluża kwalunkwe miżura ta' implimentazzjoni li tkun inħarġet jew li tista' tinħareġ taħthom u li tkun relatata ma' persuni awtorizzati u oħrajn kif jista' jiġi speċifikat fihom. Ir-regolamenti magħmula taħt dan il-paragrafu, u strettament relatati mat-traspożizzjoni jew l-implimentazzjoni kif imsemmi qabel, jistgħu jipprovdu li kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe liġi oħra ma għandhiex tapplika għal materji li jaqgħu taħt ir-regolamenti, u li sa fejn kwalunkwe waħda mid-

dispożizzjonijiet tar-regolamenti tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe liġi oħra, dawn id-dispożizzjonijiet f'xi regolamenti bħal dawn għandhom jipprevalu;

(e) jassenja setgħat u funzjonijiet lill-awtorità kompetenti għall-finijiet ta' dan l-Att, u jipprovdi għall-eżerċizzju ta' tali setgħat u t-twettiq ta' tali funzjonijiet;

(f) jipprovdi għat-twaqqif u l-impożizzjoni ta' penalitajiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra li l-awtorità kompetenti tista' timponi fuq il-persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu, ix-xerrejja ta' kreditu, ir-rappreżentanti maħtura jew kwalunkwe persuna oħra li tista' tiġi speċifikata fihom;

(g) jippreskrivi li ksur ta' kwalunkwe regolament magħmul taħt dan l-Att jista' jammonta għal reat kriminali kif jista' jiġi speċifikat, u tali regolamenti jistgħu jimponu pieni fir-rigward ta' kwalunkwe ksur, li jikkonsisti f'multa li ma taqbiżx mija u ħamsin elf euro (€150,000) jew priġunerija għal terminu li ma jaqbiżx sena (1) jew kemm tali multa kif ukoll priġunerija. Multa ogħla tista' tiġi imposta meta jitqies meħtieġ jew xieraq għal kwalunkwe ksur jew nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe Direttiva tal-Unjoni Ewropea jew Regolament tal-Unjoni Ewropea jew ma' kwalunkwe regolament li jsir skont dan l-artikolu għat-traspożizzjoni jew biex jingħata effett lil kwalunkwe Direttiva tal-Unjoni Ewropea jew Regolament tal-Unjoni Ewropea;

(h) jippreskrivi kwalunkwe ħaġa li għandha tiġi preskritta jew li tista' tiġi preskritta; u

(i) jipprovdi għal kwalunkwe kwistjoni inċidentali għal jew marbuta ma' kwalunkwe wieħed minn dawn ta' hawn qabel.

(2) Ir-regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu jkunu soġġetti għal dawk l-eżenzjonijiet jew kondizzjonijiet kif jistgħu jiġu speċifikati fihom, jistgħu jagħmlu dispożizzjonijiet differenti għal każijiet, ċirkostanzi jew għanijiet differenti u jistgħu jagħtu lill-awtorità kompetenti dawk is-setgħat u, jew funzjonijiet ta' adattament tar-regolamenti kif jistgħu wkoll ikunu speċifikati b'dan il-mod.

(3) Fejn ikunu ġew magħmula regolamenti skont dan l-artikolu, l-awtorità kompetenti tista' toħroġ Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu u Regoli tal-Kondotta tal-Operat għat-twettiq u l-

implimentazzjoni aħjar tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti.

(4) Regolamenti magħmula skont dan l-Att u kwalunkwe emenda jew revoka ta' tali regolamenti jistgħu jiġu ppubblikati fil-lingwa Ingliża biss.

(5) L-eżerċizzju ta' kwalunkwe waħda mis-setgħat mogħtija skont dan l-artikolu għandu jkun bla ħsara għal kwalunkwe obbligu jew dritt li jirriżulta mill-impenji internazzjonali ta' Malta.

Setgħa li jinħarġu Regoli dwar il-Provvediment ta' Servizzi ta' Kreditu u Regoli tal-Kondotta tal-Operat.

20. (1) L-awtorità kompetenti tista', minn żmien għal żmien, toħroġ, tippubblika, temenda jew tirrevoka Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu u, jew Regoli dwar il-Kondotta tal-Operat li għandhom jorbtu lill-persuni kollha awtorizzati minnha jew li jaqgħu taħt il-funzjonijiet regolatorji jew superviżorji tagħha, jew kwalunkwe persuna oħra, kif jista' jiġi speċifikat fihom.

(2) Bla ħsara għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), ir-Regoli dwar il-Provvediment ta' Servizzi ta' Kreditu u, jew ir-Regoli tal-Kondotta tal-Operat, kif applikabbli, maħruġa mill-awtorità kompetenti jistgħu:

(a) jistabbilixxu rekwiżiti u kondizzjonijiet addizzjonali fir-rigward ta' persuni awtorizzati minnha, li jkunu qed ifittxu l-approvazzjoni tagħha, jew li jaqgħu taħt il-funzjonijiet regolatorji jew superviżorji tal-awtorità kompetenti, l-attivitajiet tagħhom, it-twettiq tan-negozju tagħhom, ir-relazzjonijiet tagħhom mal-klijenti, il-pubbliku u partijiet oħra, ir-responsabbiltajiet tagħhom lejn l-awtorità kompetenti, ir-rekwiżiti ta' rappurtar, ir-riżorsi finanzjarji u riżorsi oħra, u r-rekwiżiti relatati, u kwalunkwe kwistjoni oħra li l-awtorità kompetenti tista' tqis xierqa;

(b) jipprovdu għad-dikjarazzjonijiet u l-avviżi li għandhom isiru jew jingħataw għal kwalunkwe skop li fir-rigward tagħhom l-awtorità kompetenti teżerċita funzjonijiet superviżorji jew regolatorji, u l-forma u l-kontenut tagħhom;

(ċ) jippreskrivu l-informazzjoni li dawn il-persuni għandhom jissottomettu lill-awtorità kompetenti;

(d) jittrasponu, jimplimentaw u jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti tad-Direttiva NPL;

(e) jittrasponu, jimplimentaw u jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti tad-Direttivi tal-Unjoni Ewropea, tar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea u ta' kwalunkwe miżura leġiżlattiva oħra tal-Unjoni Ewropea li jeħtieġu traspożizzjoni u, jew implimentazzjoni, kif jistgħu jiġu emendati minn żmien għal

żmien, inkluża kwalunkwe miżura ta' implimentazzjoni li nħarġet jew li tista' tinħareġ taħthom u li għandha x'taqsam ma' persuni awtorizzati u oħrajn kif jista' jiġi speċifikat fihom; u, jew

(f) jirregolaw kwalunkwe kwistjoni li hija inċidentali għal jew konnessa ma' kwalunkwe waħda mill-kwistjonijiet imsemmija hawn qabel kif l-awtorità kompetenti tista' tqis xierqa fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha.

(3) Ir-Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu u r-Regoli tal-Kondotta tal-Operat jistgħu jkunu soġġetti għal tali eżenzjonijiet jew kondizzjonijiet kif jistgħu jiġu speċifikati fihom, jistgħu jagħmlu dispożizzjonijiet differenti għal każijiet, ċirkostanzi jew skopijiet differenti u jistgħu jagħtu lill-awtorità kompetenti s-setgħat ta' adattament tar-Regoli dwar il-Provvediment ta' Servizzi ta' Kreditu u, jew tar-Regoli tal-Kondotta tal-Operat, kif jista' jiġi wkoll hekk speċifikat.

Setgħa li jinħarġu direttivi.

21. (1) Bla ħsara għal kwalunkwe setgħat oħra mogħtija lill-awtorità kompetenti b'dan l-Att jew bi kwalunkwe liġi oħra, l-awtorità kompetenti tista', kull meta tqis meħtieġ, tagħti b'notifika bil-miktub tali direttivi li hi tqis xierqa fiċ-ċirkostanzi u kwalunkwe persuna li lilha jingħata l-avviż, għandha tobdi, tikkonforma u b'xort'oħra tagħti effett lil kwalunkwe tali direttiva fiż-żmien u bil-mod iddikjarat fid-direttiva jew fid-direttivi sussegwenti:

Iżda l-awtorità kompetenti tista' tagħti kwalunkwe direttiva bħal din ukoll meta persuna awtorizzata, għal kwalunkwe raġuni, ma tibqax hekk awtorizzata skont dan l-Att:

Iżda wkoll kwalunkwe direttiva maħruġa skont dan l-artikolu għandha, diment li l-awtorità kompetenti ma tordnax xort'oħra, tkompli tapplika wkoll meta persuna awtorizzata, għal kwalunkwe raġuni, ma tibqax awtorizzata skont dan l-Att.

(2) Is-setgħa li jinħarġu direttivi taħt dan l-artikolu għandha tinkludi wkoll is-setgħa li tvarja, tbiddel, iżżid jew tirtira kwalunkwe direttiva, kif ukoll is-setgħa li toħroġ direttivi ġodda sussegwenti.

(3) Fejn l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li ċ-ċirkostanzi hekk jitolbu, hi tista' fi kwalunkwe ħin tagħmel pubblika kwalunkwe direttiva li tkun tat skont dan l-artikolu.

Setgħa li teħtieġ informazzjoni.

22. (1) L-awtorità kompetenti tista', fi kwalunkwe ħin u b'avviż bil-miktub, teħtieġ lill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) sabiex jagħmlu dan kollu jew xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) li jfornu lill-awtorità kompetenti, f'tali ħin u post u

f'tali forma li tista' tispeċifika, tali informazzjoni u, jew dokumentazzjoni li tista' teħtieġ, inkluż is-setgħa li teħtieġ rekords eżistenti tat-telefon u tat-traffiku ta' data;

(b) li jfornu lill-awtorità kompetenti kwalunkwe informazzjoni u, jew dokumentazzjoni li tista' teħtieġ verifikata b'tali mod li tista' tispeċifika;

(ċ) li jattendu quddiem l-awtorità kompetenti, jew quddiem persuna maħtura minnha, f'tali ħin u post li tista' tispeċifika, sabiex iwieġbu għal mistoqsijiet u jipprovdu dik l-informazzjoni u, jew dokumentazzjoni li tista' teħtieġ;

(d) li tipprovdi lill-awtorità kompetenti kwalunkwe assistenza li tista' teħtieġ u li dik il-persuna tkun raġonevolment kapaċi li tipprovdi.

(2) Il-persuni li ġejjin jistgħu jkunu meħtieġa mill-awtorità kompetenti sabiex jipprovdu informazzjoni, dokumentazzjoni u, jew assistenza kif speċifikat fis-subartikolu (1):

(a) persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu, entità kif imsemmija fl-artikolu 4(a)(i) jew (iii) maħtura skont l-artikolu 15, xerrej ta' kreditu, fornitur ta' servizzi ta' kreditu, rappreżentant maħtur u kwalunkwe parti terza maħtura sabiex twettaq funzjonijiet fir-rigward tal-forniment ta' servizzi minn tali persuni;

(b) il-persuni fiżiċi u, jew ġuridiċi li jikkontrollaw kwalunkwe persuna msemmija fil-paragrafu (a) jew li huma kkontrollati minn tali persuna, kemm fil-passat kif ukoll fil-preżent, kif ukoll diretturi, maniġers, awdituri, uffiċjali u impjegati oħra ta' tali persuna passati u preżenti, u kwalunkwe parti terza li tipprovdi servizz lil tali persuna; u, jew

(ċ) kwalunkwe persuna oħra li tidher li għandha fil-pussess tagħha kwalunkwe informazzjoni rilevanti.

(3) Persuna fiżika jew ġuridika li tagħmel l-informazzjoni disponibbli lill-awtorità kompetenti skont dan l-artikolu ma għandhiex titqies li qiegħda tikser kwalunkwe restrizzjoni fuq l-iżvelar ta' informazzjoni imposta b'kuntratt jew bi kwalunkwe dispożizzjoni leġiżlattiva, regolatorja jew amministrattiva, u ma għandha tkun soġġetta għall-ebda tip ta' responsabbiltà relatata mal-għoti ta' tali informazzjoni u, jew dokumentazzjoni.

(4) L-awtorità kompetenti tista' tagħmel u żżomm kopji ta' kwalunkwe dokument fornut, ipprovdut jew li għalih għandha aċċess skont dan l-artikolu.

(5) Fejn il-persuna meħtieġa li tipprovdi informazzjoni u, jew dokumentazzjoni taħt dan l-artikolu ma għandhiex l-informazzjoni u, jew dokumentazzjoni rilevanti, tali persuna għandha tiżvela lill-awtorità kompetenti fejn, mill-aħjar li taf, dik l-informazzjoni u, jew dokumentazzjoni tista' tinstab, u l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ lil kwalunkwe persuna, kemm jekk indikata kif imsemmi qabel jew le, li jidhrilha li hi fil-pussess ta' dik l-informazzjoni u, jew dokumentazzjoni, sabiex tipprovdiha.

(6) Dikjarazzjoni magħmula u dokumentazzjoni pprovduta skont kwalunkwe rekwiżit taħt dan l-artikolu jistgħu jintużaw bħala prova kontra l-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni jew li tipprovdi d-dokumentazzjoni kif ukoll kontra kwalunkwe persuna li magħha jkunu relatati.

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal informazzjoni u, jew dokumentazzjoni li hi privileġġjata skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 642 tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.

(8) Fejn l-awtorità kompetenti tkun ħatret rappreżentant skont is-subartikolu (1)(ċ), tali persuna għandha, għall-finijiet tat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt il-ħatra tagħha, ikollha s-setgħat u l-funzjonijiet kollha kkonferiti fuq l-awtorità kompetenti b'dan l-artikolu u rekwiżit impost minn dik il-persuna għandu jitqies u jkollu l-istess forza u effett daqslikieku kien impost mill-awtorità kompetenti.

Setgħa sabiex jinħatru spetturi.

23. (1) L-awtorità kompetenti tista', kull meta tqis li jkun meħtieġ jew spedjenti, taħtar spettur sabiex jinvestiga u jirrapporta dwar l-affarijiet ta' kwalunkwe persuni msemmija fl-artikolu 22(2).

(2) Spettur maħtur skont is-subartikolu (1):

(a) jista', jekk iqis li jkun meħtieġ jew spedjenti għall-finijiet ta' investigazzjoni, jinvestiga l-affarijiet ta' kwalunkwe persuna msemmija fis-subartikolu (1);

(b) għandu jkollu u jista' jeżerċita s-setgħat kollha mogħtija lill-awtorità kompetenti bl-artikolu 22, u kwalunkwe rekwiżit magħmul mill-imsemmi spettur għandu jitqies u jkollu l-istess forza u effett daqslikieku kien impost mill-awtorità kompetenti; u

(ċ) jista', u jekk ikun hekk ordnat mill-awtorità kompetenti għandu, jipprepara rapporti interim u mal-konklużjoni tal-investigazzjoni tiegħu għandu jagħmel rapport finali lill-awtorità kompetenti.

(3) Fil-ħatra ta' spettur taħt is-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti tista' tordna li l-investigazzjoni għandha titwettaq f'dak iż-żmien u tkun limitata għal kwistjonijiet speċifiċi jew ġenerali kif l-awtorità kompetenti tista' tqis xierqa.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-ispetturi jistgħu jinkludu avukat, persuna awtorizzata sabiex teżerċita l-professjoni ta' accountant jew awditur skont l-Att dwar il-Professjoni tal-Accountancy, jew persuna meqjusa mill-awtorità kompetenti bħala li għandha għarfien espert xieraq sabiex teżerċita tali funzjoni. Kap. 281.

(5) L-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li tordna li l-ispejjeż kollha ta', u inċidentali għal, investigazzjoni mwettqa skont dan l-artikolu jitħallsu mill-persuni msemmija fis-subartikolu (1).

24. (1) Kwalunkwe uffiċjal, impjegat jew aġent tal-awtorità kompetenti, meta jipproduċi, jekk meħtieġ, prova tal-awtorità tiegħu, għandu jkollu s-setgħa li jidħol fi kwalunkwe fond okkupat minn persuna li lilha jkun ġie nnotifikat avviż skont l-artikolu 22 jew li l-affarijiet tiegħu jkunu qegħdin jiġu investigati skont l-artikolu 23, bil-għan li jikseb mingħandhom l-informazzjoni jew id-dokumenti meħtieġa minn dak l-avviż, jew bil-għan li jwettaq spezzjonijiet jew investigazzjonijiet fuq il-post, u li jeżerċita kwalunkwe waħda mis-setgħat mogħtija mill-imsemmija artikoli. Dritt ta' dħul.

(2) Fejn kwalunkwe uffiċjal, impjegat jew aġent tal-awtorità kompetenti jkollu raġuni sabiex jemmen li jekk dak l-avviż kif imsemmi fl-artikolu 22 jiġi notifikat, ma jiġix osservat jew li kwalunkwe dokumenti li jista' jkollhom x'jaqsmu miegħu jitneħħew, jiġu mbagħbsa jew meqruda, tali uffiċjal, impjegat jew aġent għandu jkollu s-setgħa, meta jipproduċi, jekk meħtieġ, prova tal-awtorità tiegħu, sabiex jidħol fi kwalunkwe fond imsemmi fis-subartikolu (1) bil-għan li jikseb minn hemm kwalunkwe informazzjoni jew dokumenti speċifikati fl-awtorità, li jkunu informazzjoni jew dokumenti li setgħu kienu meħtieġa taħt tali avviż kif imsemmi fl-artikolu 22.

(3) Għall-finijiet ta' kwalunkwe azzjoni meħuda skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-awtorità kompetenti tista' titlob l-assistenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, li jista' għal dan il-għan jeżerċita dawk is-setgħat li jingħatawlu bil-liġi.

Setgħat tal-awtorità kompetenti.

25. (1) Bla ħsara għal kwalunkwe setgħa oħra mogħtija lilha b'dan l-Att jew bi kwalunkwe liġi oħra, l-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħat li ġejjin:

(a) li tagħti jew tiċħad awtorizzazzjoni skont l-artikoli 7 u 8;

(b) li tirtira jew tissospendi awtorizzazzjoni skont l-artikolu 9;

(ċ) li tipprojbixxi kwalunkwe waħda mill-attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu;

(d) li twettaq spezzjonijiet fuq il-post u mhux fuq il-post;

(e) li timponi penali amministrattivi u miżuri oħra skont l-artikolu 26;

(f) li teżamina ftehimiet ta' esternalizzazzjoni konklużi bejn il-persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu u l-forniturі ta' servizzi ta' kreditu skont l-artikolu 13;

(g) li teħtieġ li l-persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu jneħħu kwalunkwe membri tal-korp maniġerjali jew amministrattiv tagħhom meta jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-artikolu 8(b);

(h) li teħtieġ li l-persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu jimmodifikaw jew jaġġornaw l-arranġamenti interni ta' governanza u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern tagħhom sabiex jiżguraw b'mod effettiv ir-rispett għad-drittijiet tal-mutwatarji skont il-liġijiet li jirregolaw il-kuntratt ta' kreditu;

(i) li teħtieġ li l-persuni li jipprovdu servizzi ta' kreditu jimmodifikaw jew jaġġornaw il-politiki, il-pjanijiet u l-proċeduri tagħhom adottati sabiex jiżguraw it-trattament ġust u diliġenti tal-mutwatarji, u r-reġistrazzjoni u t-trattament tal-ilmenti minn mutwatarji;

(j) li jitolbu informazzjoni ulterjuri dwar it-trasferiment tad-drittijiet ta' kreditur skont il-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv, jew tal-kuntratt ta' kreditu mhux produttiv innifsu; u

(k) li jeħtieġu li persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu, fornitur ta' servizz ta' kreditu jew xerrej ta' kreditu jew ir-rappreżentant maħtur tiegħu li ma jissodisfa l-ebda

wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Att, jew fi kwalunkwe regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu, jieħdu, fi stadju bikri, l-azzjonijiet jew il-passi kollha meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti.

Penali amministrattivi u miżuri oħra.

26. (1) L-awtorità kompetenti tista' timponi penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra kif imsemmija fis-subartikolu (3) fejn tqis li:

(a) l-imġiba ta' persuna tammonta għal ksur ta' kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew fi kwalunkwe regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu;

(b) persuna tkun kisret jew naqset milli tikkonforma ma' kwalunkwe kondizzjoni, obbligu, rekwiżit jew direttivi magħmula jew mogħtija mill-awtorità kompetenti taħt kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew fi kwalunkwe regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu, inkluż in-nuqqas ta' kooperazzjoni ma' investigazzjoni jew spezzjoni jew kwalunkwe talba magħmula mill-awtorità kompetenti skont dan l-Att.

(2) Bla ħsara għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti tista' timponi penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra kif imsemmija fis-subartikolu (3) fejn tqis li:

(a) persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu tidħol fi ftehim ta' esternalizzazzjoni li jikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13 jew il-fornitur ta' servizz ta' kreditu li lilu l-attivitajiet ta' ġestjoni ta' kreditu ġew esternalizzati, jikkommetti ksur serju tad-dispożizzjonijiet legali applikabbli, inklużi d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew fi kwalunkwe regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu;

(b) arranġamenti ta' governanza u l-mekkaniżmi ta' kontroll interni ta' persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu kif stabbiliti fl-artikolu 8(e) jonqsu milli jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tal-mutwatarju u l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali;

(ċ) il-politika ta' persuna li tagħti servizzi ta' kreditu

ma tkunx adegwata għat-trattament xieraq tal-mutwatarji kif stabbilit fl-artikolu 8(f);

(d) il-proċeduri interni ta' persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu kif stabbiliti fl-artikolu 8(g) jonqsu milli jipprovdu għar-reġistrazzjoni u t-trattament tal-ilmenti mingħand il-mutwatarji skont l-obbligi stabbiliti f'dan l-Att, jew fi kwalunkwe regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu;

(e) xerrej ta' kreditu jew, fejn applikabbli, ir-rappreżentant maħtur tiegħu jonqos milli jikkomunika l-informazzjoni stabbilita fl-artikoli 16 u 18;

(f) xerrej ta' kreditu jew, fejn applikabbli, ir-rappreżentant maħtur tiegħu jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżit tal-artikolu 15;

(g) xerrej ta' kreditu jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17;

(h) istituzzjoni ta' kreditu tonqos milli tikkomunika l-informazzjoni stabbilita fl-artikolu 14;

(i) persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu tippermetti persuna waħda jew aktar li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fl-artikolu 8(b) sabiex isiru jew jibqgħu membri tal-organu maniġerjali jew amministrattiv tiegħu;

(j) persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu tirċievi u żżomm fondi minn mutwatarji meta ma tkunx awtorizzata li tagħmel dan skont dan l-Att; u, jew

(k) persuna li tagħti servizzi ta' kreditu tonqos milli tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-artikolu 12.

(3) Bla ħsara għal kwalunkwe setgħa oħra mogħtija lilha b'dan l-Att jew bi kwalunkwe liġi oħra, l-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li timponi l-penali u miżuri amministrattivi li ġejjin għall-ksur imsemmi fis-subartikoli (1) u (2):

(a) li tirtira jew tissospendi awtorizzazzjoni skont l-artikolu 9;

(b) li toħroġ ordni li teħtieġ lill-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu jew lix-xerrej ta' kreditu jew, fejn applikabbli, lir-rappreżentant maħtur tiegħu sabiex

jirrimedjaw il-ksur, u jwaqqfu l-imġiba u tieqaf milli tirrepeti dik l-imġiba; u, jew

(ċ) li timponi penali amministrattiva li ma taqbiżx mija u ħamsin elf euro (€150,000) għal kull ksur jew nuqqas ta' konformità, skont il-każ.

(4) Il-penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra meħuda mill-awtorità kompetenti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom jiġu implimentati b'mod effettiv.

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 16(4) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għandhom japplikaw *mutatis mutandis*, fir-rigward ta' kwalunkwe penali amministrattiva imposta mill-awtorità kompetenti skont dan l-artikolu. Kap. 330.

(6) Fil-każ ta' penali amministrattivi jew miżuri amministrattivi oħra imposti mill-awtorità kompetenti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew fi kwalunkwe regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvediment ta' Servizzi ta' Kreditu jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu, l-awtorità kompetenti għandha tqis iċ-ċirkostanzi rilevanti, inkluż, fejn xieraq:

(a) il-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur;

(b) il-grad ta' responsabbiltà tal-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu jew tax-xerrej tal-kreditu jew, fejn applikabbli, tar-rappreżentant maħtur tiegħu responsabbli għall-ksur;

(ċ) is-saħħa finanzjarja tal-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu jew tax-xerrej ta' kreditu responsabbli għall-ksur, inkluż b'referenza għall-fatturat totali ta' persuna ġuridika jew l-introjtu annwali ta' persuna fiżika;

(d) l-importanza tal-profitti miksuba jew tat-telf evitat minħabba ksur mill-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu jew mix-xerrej ta' kreditu jew, fejn applikabbli, mir-rappreżentant maħtur tiegħu responsabbli għall-ksur, sa fejn dawk il-profitti jew it-telf ikunu jistgħu jiġu determinati;

(e) it-telf ikkawżat lil terzi mill-ksur, sa fejn dak it-telf ikun jista' jiġi determinat;

(f) il-livell ta' kooperazzjoni mal-awtorità kompetenti mill-persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu jew mix-xerrej ta' kreditu responsabbli għall-ksur;

(g) ksur preċedenti mill-persuna li tagħti servizzi ta' kreditu jew mix-xerrej ta' kreditu jew, fejn applikabbli, mir-rappreżentant maħtur tiegħu responsabbli għall-ksur;

(h) kwalunkwe konsegwenza sistemika attwali jew potenzjali tal-ksur.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, fejn l-obbligi imposti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew fi kwalunkwe regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvediment ta' Servizzi ta' Kreditu jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu, japplikaw għal persuna ġuridika, fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dispożizzjoni tiegħu, jistgħu jiġu imposti wkoll penali amministrattivi u miżuri oħra, bla ħsara għall-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liġi nazzjonali, fuq il-membri tal-korp maniġerjali jew amministrattiv tal-entità ġuridika kkonċernata, u fuq individwi oħra li huma responsabbli għall-ksur skont il-liġi nazzjonali.

(8) L-impożizzjoni mill-awtorità kompetenti ta' penali amministrattiva jew kwalunkwe miżura amministrattiva oħra skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandha tkun bla ħsara għal kwalunkwe konsegwenza oħra li tirriżulta mill-att jew l-ommissjoni tal-ħati skont il-liġi ċivili jew il-liġi kriminali:

Iżda fil-każijiet kollha fejn l-awtorità kompetenti timponi penali amministrattiva jew kwalunkwe miżura amministrattiva oħra fir-rigward ta' kwalunkwe ħaġa magħmula jew li naqset li ssir minn kwalunkwe persuna, u tali att jew ommissjoni jikkostitwixxu wkoll reat kriminali, l-ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jitkomplew kontra l-persuna msemmija fir-rigward ta' tali reat kriminali.

Avviż ta' penali amministrattivi u miżuri ta' rimedju.

27. (1) Jekk l-awtorità kompetenti tipproponi li timponi penali amministrattiva jew kwalunkwe miżura oħra fuq kwalunkwe persuna skont l-artikolu 26, hi għandha tagħti avviż bil-miktub dwar l-intenzjoni tagħha li tagħmel dan, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li tipproponi li tieħu.

(2) Kull avviż mogħti taħt is-subartikolu (1) għandu jispeċifika li r-riċevitur tal-avviż jista', f'dak il-perjodu raġonevoli wara li jkun ġie notifikat, kif jista' jiġi ddikjarat fl-avviż, jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub lill-awtorità kompetenti li jagħtu r-raġunijiet għaliex id-deċiżjoni proposta ma għandhiex tittieħed u l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra kwalunkwe sottomissjoni hekk magħmula qabel ma tagħmel deċiżjoni finali.

(3) L-awtorità kompetenti għandha kemm jista' jkun malajr

tinnotifika d-deċiżjoni finali tagħha bil-miktub lil kwalunkwe persuna li lilha għandha tingħata notifika skont is-subartikolu (1).

Pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet.

28. (1) L-awtorità kompetenti għandha tippubblika kwalunkwe deċiżjoni li timponi penali amministrattiva jew kwalunkwe miżura oħra, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew fi kwalunkwe regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvediment ta' Servizzi ta' Kreditu jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu, fuq is-sit elettroniku tagħha minnufih wara li l-persuna soġġetta għal dik id-deċiżjoni tkun ġiet infurmata b'dik id-deċiżjoni.

(2) L-informazzjoni ppubblikata skont is-subartikolu (1) għandha tispeċifika t-tip u n-natura tal-ksur, l-identità tal-persuna soġġetta għad-deċiżjoni u kwalunkwe informazzjoni oħra li l-awtorità kompetenti tqis rilevanti.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ma għandhomx japplikaw għal deċiżjonijiet tal-awtorità kompetenti li jimponu miżuri li huma ta' natura investigattiva.

(4) Fejn l-awtorità kompetenti tqis, wara valutazzjoni skont il-każ, li l-pubblikazzjoni tal-identità tal-persuna ġuridika soġġetta għad-deċiżjoni, jew l-identità jew id-data personali ta' persuna fiżika, tkun sproporzjonata, jew fejn tali pubblikazzjoni tista' tipperikola investigazzjoni li tkun għaddejja, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) iddewwem il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni li tiġi imposta penali jew miżura sal-mument fejn ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' pubblikazzjoni ma jibqgħux jeżistu;

(b) tippubblika d-deċiżjoni li timponi penali jew miżura fuq bażi anonima b'mod li jkun konformi mal-liġi nazzjonali, fejn tali pubblikazzjoni anonima tiżgura protezzjoni effettiva tad-data personali kkonċernata:

Iżda f'dan il-każ, il-pubblikazzjoni tad-data rilevanti tista' tiġi mdewma għal perjodu raġonevoli fejn ikun previst li f'dak il-perjodu r-raġunijiet għall-pubblikazzjoni anonima ma jibqgħux jeżistu;

(ċ) ma tippubblikax id-deċiżjoni li tiġi imposta penali jew miżura fil-każ li l-għażliet stabbiliti fil-paragrafi (a) u (b) jitqiesu bħala insuffiċjenti sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità tal-pubblikazzjoni ta' tali deċiżjoni fir-rigward ta' miżuri li jitqiesu ta' natura minuri.

(5) Fejn id-deċiżjoni tkun soġġetta għal appell quddiem awtorità ġudizzjarja, amministrattiva jew awtorità oħra nazzjonali, l-awtorità

kompetenti għandha tippubblika wkoll minnufih fuq is-sit elettroniku tagħha din l-informazzjoni u kwalunkwe informazzjoni sussegwenti dwar l-eżitu ta' tali appell. Kwalunkwe deċiżjoni li tannulla deċiżjoni li tkun soġġetta għal appell għandha tiġi ppubblikata wkoll.

(6) Kwalunkwe deċiżjoni li tiġi ppubblikata skont dan l-artikolu għandha tibqa' aċċessibbli fuq is-sit elettroniku tal-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas ħames (5) snin wara l-pubblikazzjoni tagħha:

Iżda d-data personali li tinsab fi kwalunkwe deċiżjoni bħal din għandha tinżamm biss fuq is-sit elettroniku tal-awtorità kompetenti sakemm ikun meħtieġ għall-finijiet ta' interess pubbliku u trasparenza.

TAQSIMA IV
APPELLI, REATI U KUNFIDENZJALITÀ

Appelli.
Kap. 330.

29. (1) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji jfisser it-Tribunal imwaqqaf bl-artikolu 21 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

(2) Kwalunkwe persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-awtorità kompetenti taħt dan l-Att, jew fi kwalunkwe regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu, tista' tappella kontra din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal f'dak il-perjodu u taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma stabbiliti fl-artikolu 21 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), kwalunkwe persuna li tkun tħoss ruħha aggravata min-nuqqas tal-awtorità kompetenti li tieħu deċiżjoni fir-rigward ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni li jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa skont dan l-Att fil-limitu ta' żmien previst fl-artikolu 7(4), tista' tappella kontra dan in-nuqqas li tittieħed deċiżjoni lit-Tribunal f'dak il-perjodu u taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma stabbiliti fl-artikolu 21 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

Kap. 330.

(4) Appell kontra deċiżjoni tal-awtorità kompetenti ma għandux jissospendi l-operat ta' dik id-deċiżjoni:

Iżda deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tirtira l-awtorizzazzjoni ta' persuna li tipprovdi servizzi ta' kreditu ma għandhiex issir operattiva qabel l-iskadenza tal-perjodu li fih isir appell taħt dan l-artikolu u, jekk jiġi ppreżentat appell f'dak il-perjodu, id-deċiżjoni għandha ssir operattiva fid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal li tiċħad l-appell jew fid-data li fiha l-appell jiġi abbandunat.

(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 21 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għal appelli li jistgħu jitressqu quddiem it-Tribunal skont dan l-artikolu. Kap. 330

30. (1) Kwalunkwe persuna li: Reati.

(a) tikser jew tonqos milli tikkonforma ma' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 6(1) jew (2), 21(1), 22(1), 22(5) jew 31(1), jew tal-artikolu 22(1) jew 22(5) kif applikat mill-artikolu 23; jew

(b) tikser jew tonqos milli tikkonforma ma' kwalunkwe kondizzjoni, obbligu, rekwiżit, direttiva jew ordni magħmula jew mogħtija skont xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew fi kwalunkwe regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvediment ta' Servizzi ta' Kreditu jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu; jew

(ċ) għall-finijiet ta', jew skont, kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew fi kwalunkwe regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvediment ta' Servizzi ta' Kreditu jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu, jew kwalunkwe kondizzjoni, obbligu, rekwiżit, direttiva jew ordni magħmula jew mogħtija kif imsemmi qabel, tipprovdi informazzjoni jew tagħmel dikjarazzjoni li taf li mhux preċiża, falza jew qarrieqa fi kwalunkwe aspett materjali, jew tforni informazzjoni bi traskuraġni jew tagħmel dikjarazzjoni li ma tkunx preċiża, falza jew qarrieqa fi kwalunkwe aspett materjali; jew

(d) bl-intenzjoni li tiġi evitata s-sejba tat-twettiq ta' reat skont dan l-Att, tneħħi, teqred, taħbi jew tbiddel b'mod frawdolenti kwalunkwe ktieb, dokument jew karta oħra; jew

(e) tfixkel intenzjonalment persuna li teżerċita d-drittijiet jew is-setgħat mogħtija b'dan l-Att, jew fi kwalunkwe regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu,

għandha teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija għal perjodu li ma jaqbiżx sena (1) jew ta' multa li ma taqbiżx mija u ħamsin elf euro (€150,000), jew kemm għal tali multa kif ukoll dik il-priġunerija, diment li tali multa jew perjodu ta' priġunerija ma jkunux imposti b'xort'oħra f'regolamenti magħmula taħt l-Att.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew fi kwalunkwe

regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu, ma għandhom jaffettwaw l-ebda proċedimenti kriminali li jistgħu jkunu kompetenti skont kwalunkwe liġi oħra.

Kunfidenzjalità.

31. (1) Informazzjoni miksuba mill-awtorità kompetenti jew mill-uffiċjali, l-impjegati jew l-aġenti tagħha, kemm jekk attwali jew ta' qabel, jew minn spetturi, awdituri u esperti li qabel kienu jew attwalment huma ingaġġati mill-awtorità kompetenti għall-finijiet ta', jew skont, kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew fi kwalunkwe regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu, jew fit-twettiq ta' kwalunkwe funzjoni taħt kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet imsemmija, jew minn kwalunkwe persuna oħra li taħdem jew ħadmet għall-awtorità kompetenti jew għal kwalunkwe parti terza li lilha l-awtorità kompetenti tkun iddelegat xi waħda mill-funzjonijiet jew setgħat tagħha, għandha tiġi ttrattata bħala kunfidenzjali u protetta mid-dmir tas-segretezza professjonali, u ma għandhiex tiġi żvelata lil kwalunkwe persuna oħra, ħlief fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn l-awtorità, il-korp jew il-persuna li jikkomunikaw l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti jagħtu l-kunsens tagħhom għal dan;

(b) fejn l-iżvelar tal-informazzjoni jkun meħtieġ għal kwalunkwe proċediment legali;

(ċ) fejn l-informazzjoni tiġi pprovduta lil tali awtoritajiet regolatorji, ġudizzjarji jew ta' infurzar oħrajn lokali jew Ewropej jew barra mill-Ewropa in segwitu ta' tħassib serju ta' natura regolatorja jew kriminali; u, jew

(d) fejn l-iżvelar tal-informazzjoni jkun permess jew meħtieġ mil-liġi jew mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

(2) L-informazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tinkludi l-informazzjoni kollha skambjata bejn l-awtorità kompetenti u l-awtoritajiet regolatorji Ewropej skont dan l-Att, jew fi kwalunkwe regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu li tikkonċerna kondizzjonijiet tan-negozju jew operattivi u affarijiet ekonomiċi jew personali oħra.

Protezzjoni tad-data personali.

Kap. 586.

32. L-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' dan l-Att, jew fi kwalunkwe regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvista ta' Servizzi ta' Kreditu jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu għandu jitwettaq f'konformità mal-Att dwar il-Protezzjoni u l-

Privatezza tad-Data, il-GDPR u r-Regolament (UE) 2018/1725.

TAQSIMA V
KOOPERAZZJONI MA' AWTORITAJIET OĦRA

Kooperazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji Ewropej.

33. (1) L-awtorità kompetenti għandha tikkoopera ma' awtoritajiet regolatorji Ewropej kull meta jkun meħtieġ għall-fini tat-twettiq tal-funzjonijiet u d-dmirijiet jew tal-eżerċitar tas-setgħat assenjati lill-awtorità kompetenti u lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej imsemmija skont id-Direttiva NPL, kif trasposta fil-liġi nazzjonali.

(2) L-awtorità kompetenti għandha, fuq talba u mingħajr dewmien żejjed, tipprovdi lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej imsemmija fis-subartikolu (1) bl-informazzjoni meħtieġa għall-fini tat-twettiq tal-funzjonijiet u d-dmirijiet tagħhom skont id-Direttiva NPL, kif trasposta fil-liġi nazzjonali**.**

(3) Meta l-awtorità kompetenti tirċievi kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet u d-dmirijiet tagħha skont dan l-Att, jew fi kwalunkwe regolamenti magħmula, Regoli dwar il-Provvediment ta' Servizzi ta' Kreditu jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu, l-awtorità kompetenti għandha tuża biss dik l-informazzjoni matul il-funzjonijiet u d-dmirijiet imsemmija. L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtorità kompetenti u l-awtoritajiet regolatorji Ewropej l-oħra kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jkun soġġett għall-obbligu tas-segretezza professjonali msemmi fl-Artikolu 76 tal-MiFID.

(4) L-awtorità kompetenti għandha timplimenta l-miżuri amministrattivi u organizzattivi meħtieġa sabiex tiffaċilita l-kooperazzjoni msemmija fis-subartikolu (1).

TAQSIMA VI
EMENDI GĦALL-ATT DWAR IL-KUMMERĊ TAL-ASSIGURAZZJONI

Emendi għall-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni. Kap. 403.

34. (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tidħol fis-seħħ f'dik id-data jew dati li l-Ministru responsabbli għar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji jista', b'avviż fil-Gazzetta, jistabblixxi u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta' din it-Taqsima.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

35. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali, minnufih wara t-tifsira "kummerċ tal-assigurazzjoni" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "kummerċ tal-assigurazzjoni għal responsabbiltà għal vetturi bil-mutur" tfisser il-kummerċ tal-assigurazzjoni fil-klassi 10 kif speċifikat fit-Taqsima I tat-Tielet Skeda;".

Sostituzzjoni tal-artikolu 49 tal-Att prinċipali.

36. L-artikolu 49 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Twaqqif tal-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens.

49. (1) Għandu jitwaqqaf fond, kif jista' jiġi preskritt, li għandu jkun magħruf bħala "Fond għall-Protezzjoni u Kumpens":

(a) għall-ħlas ta' kwalunkwe talba dwar:

(i) riskji u impenji kontra impriża tal-assigurazzjoni li teżerċita kummerċ tal-assigurazzjoni f'Malta, kif jista' jiġi preskritt skont ir-Regolamenti dwar il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens, li jibqgħu ma jitħallsux minħabba fl-insolvibbiltà tat-tali impriża, bla ħsara għal tali limitazzjonijiet, restrizzjonijiet u esklużjonijiet li jistgħu jiġu preskritti bl-istess regolamenti; u

(ii) riskji relatati mal-kummerċ tal-assigurazzjoni għal responsabbiltà għal vetturi bil-mutur kontra impriża tal-assigurazzjoni li teżerċita kummerċ tal-assigurazzjoni għar-responsabbiltà għal vetturi bil-mutur minn Malta, kif jista' jiġi preskritt skont ir-Regolamenti dwar il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens, li jibqgħu ma jitħallsux minħabba l-insolvibbiltà ta' tali impriża, bla ħsara għal tali limitazzjonijiet, restrizzjonijiet u esklużjonijiet, kif jista' jiġi preskritt bl-istess regolamenti; u

(b) sabiex jitħallas kumpens lil vittmi ta' inċidenti tat-traffiku fit-toroq kif jiġi preskritt skont tali limitazzjonijiet u restrizzjonijiet, kif jista' jiġi preskritt.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijet ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe regolamenti maħruġa taħtu, il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens għandu jkun korp ġuridiku b'personalità ġuridika distinta u għandu jkollu l-kapaċità li jidħol f'kuntratti, kemm jekk dawk ta' self kif ukoll jekk b'xi mod ieħor jinkorri djun għall-finijiet tal-funzjoni tiegħu, li jakkwista, iżomm u jiddispondi minn kwalunkwe xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tiegħu, li jħarrek jew jiġi mħarrek, li jagħmel dawk l-affarijiet kollha u jidħol f'dawk in-negozjati,tranżazzjonijiet u ftehim kollu li jkunu inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu. Bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak imsemmi qabel, il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens għandu għal dan il-għan ikollu s-setgħa li jidħol f'arranġamenti raġjonevoli amministrattivi, ta' ġestjoni jew arranġamenti oħra li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jippermettuh jissodisfa l-oġġettivi u l-funzjonijiet tiegħu skont dan l-Att u skont ir-Regolamenti dwar Insurance Business (Protection and Compensation Fund), inkluż sabiex isir parti fl-arranġament imsemmi fir-regolament 10A tar-Regolamenti dwar Insurance Business (General Provisions of Supervision), u sabiex jiddelga lil kwalunkwe korp jew persuna kwalsiasi funzjoni hekk kif il-Kumitat tal-Ġestjoni maħtur skont ir-Regolamenti dwar Insurance Business (Protection and Compensation Fund) jidhirlu xieraq.".

L.S. 403.24.

37. L-artikolu 50 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 50 tal-Att prinċipali.

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita bin-nota marġinali ġdida li ġejja:

"Kontribuzzjonijiet lill-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens.";

(b) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-

subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens għandu jkun magħmul minn diversi fondi kif jista' jiġi preskritt bir-Regolamenti dwar il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens, mill-kontribuzzjonijiet kollha li jsiru fih skont dan l-Att u kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, u mill-attiv u d-dħul l-ieħor kollu li għandu x'jaqsam miegħu. L-attiv ta' kull fond għandu jinżamm separat u b'mod identifikabbli separatament mill-attiv tal-Fondi l-oħra, kif jista' jiġi preskritt fl-imsemmija regolamenti.";

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "fil-Fond" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fil-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens"; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, kif emendat, għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Impriżi tal-assigurazzjoni li jeżerċitaw kummerċ tal-assigurazzjoni għal responsabbiltà għal vetturi bil-mutur minn Malta, kif jista' jiġi preskritt mir-Regolamenti dwar il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens, għandhom jikkontribwixxu għall-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens f'dawk l-ammonti u sa dawk il-limitazzjonijiet, kif jista' jiġi preskritt bir-Regolamenti dwar il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens, u ammonti u limitazzjonijiet differenti jistgħu hekk japplikaw, kif jista' jiġi preskritt fl-imsemmija regolamenti.".

Emenda tal-artikolu 51 tal-Att prinċipali.

38. L-artikolu 51 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita bin-nota marġinali ġdida li ġejja:

"Ġestjoni tal-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens.";

(b) l-artikolu 51 għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 51(1);

(ċ) il-provisos tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda tali regolamenti għandhom jiżguraw li:

(a) ħlasijiet li jsiru fil-Fond għall-

Protezzjoni u Kumpens minn impriżi sabiex jeżerċitaw kummerċ fit-tul f'Malta għandhom jiġu utilizzati għal kumpens fir-rigward ta' kummerċ fit-tul, u għandhom jiġu ttrattati separatament u jiġu utilizzati esklussivament għal kumpens ta' talbiet relatati mal-kummerċ fit-tul;

(b) ħlasijiet li jsiru fil-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens minn impriżi sabiex jeżerċitaw kummerċ ġenerali f'Malta għandhom jiġu ttrattati separatament, u għandhom jiġu utilizzati esklussivament għal kumpens ta' talbiet relatati mal-kummerċ ġenerali:

Iżda ħlasijiet li jsiru fil-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens minn impriżi tal-assigurazzjoni li jeżerċitaw kummerċ tal-assigurazzjoni għal responsabbiltà għal vetturi bil-mutur f'Malta fi jew wara d-data ta' inizjazzjoni kif hawn imfissra, għandhom jiġu trattati separatament min-negozju ġenerali, u għandhom jiġu utilizzati esklussivament għal kumpens ta' talbiet relatati ma' negozju tal-assigurazzjoni għal responsabbiltà għal vetturi bil-mutur eżerċitat f'Malta, fi, jew wara dik id-data; u

(ċ) ħlasijiet li jsiru fil-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens minn impriżi tal-assigurazzjoni li jeżerċitaw kummerċ tal-assigurazzjoni għal responsabbiltà għal vetturi bil-mutur minn Malta għandhom ukoll jiġu ttrattati separatament u għandhom jiġu utilizzati esklussivament għal kumpens ta' talbiet relatati ma' kummerċ tal-assigurazzjoni għal responsabbiltà għal vetturi bil-mutur eżerċitat minn Malta.";

(d) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, kif emendat, għandu jiġi miżjud is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "data ta' inizjazzjoni" tfisser:

(a) id-data ta' dħul fis-seħħ tal-ftehim imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10a(13) u fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25a(13) tad-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà, kif emendata minn żmien għal żmien; jew

(b) id-data tal-applikazzjoni tal-att delegat tal-Kummissjoni msemmi fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 10a(13) u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 25a(13) tal-istess Direttiva msemmija fil-paragrafu (a),

skont liema minnhom tkun l-ewwel.".

Emenda tal-artikolu 52 tal-Att prinċipali.

39. L-artikolu 52 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "mill-Fond" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens";

(b) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) dwar talba skont l-artikolu 49(a)(i), fi żmien sentejn mid-data li fiha isem l-impriża jiġi mħassar minn fuq ir-reġistru stabbilit skont l-Att dwar il-Kumpaniji jew dik l-impriża tiġi definittivament stralċjata, unikament f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn il-kumpens ikun dovut mill-Fond A;";

Kap. 386.

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (a) tiegħu, kif sostitwit, għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(aa) dwar talba skont l-artikolu 49(a)(ii), fi żmien il-perjodu u bil-mod kif preskritt fir-Regolamenti dwar il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens;"; u

(d) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) dwar talba skont l-artikolu 49(b), fi żmien sentejn mid-data meta jseħħ l-inċident relattiv għal tali talba:

Iżda għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kliem "Fond A" għandu jkollhom l-istess tifsira kif assenjata lilhom skont ir-Regolamenti dwar il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens.".

Emenda tal-artikolu 53 tal-Att prinċipali.

40. Fl-artikolu 53 tal-Att prinċipali l-kliem "u kull *income* ta' flejjes li jappartjenu lill-Fond tkun eżentata" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u kwalunkwe dħul u attiv li jappartjenu lill-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens għandhom ikunu eżentati".

TAQSIMA VII
EMENDI GHALL-ATT DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT

Emendi għall-Att dwar Servizzi ta' Investiment. Kap. 370.

41. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar Servizzi ta' Investiment u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Servizzi ta' Investiment, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

42. Minnufih wara l-paragrafu (o) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(oa) jistabbilixxi u jirregola soċjetajiet limitati mingħajr personalità ġuridika, u li l-att tas-soċjetà tagħhom espressament jillimta l-għan tagħhom jew għall-investiment kollettiv tal-fondi tagħhom f'titoli u fi proprjetà oħra mobbli u immobbli, jew fi kwalunkwe wieħed minnhom, bil-għan li tagħti lis-soċji l-benefiċċji tar-riżultati tal-immaniġġjar tal-fondi tagħhom, u għal materji anċillari jew inċidentali għal dan, u li tikkwalifika għal skema ta' investiment kollettiv u li tkun debitament liċenzjata, rikonoxxuta, eżentata jew regolata b'mod ieħor skont dan l-Att; u għandhom ikunu distinti minn soċjetajiet limitati kif stabbiliti fid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpaniji. Regolamenti magħmula taħt dan il-paragrafu jistgħu jipprovdu li xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra ma għandhomx japplikaw għal materji li jaqgħu taħt ir-regolamenti, u li sa fejn kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, tali dispożizzjonijiet f'dawk ir-regolamenti għandhom jipprevalu;".

Kap. 386.

A 676

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 258 tal-15 ta' Lulju, 2024.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati